



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 30.11.2011
KUMM(2011) 812 finali

2011/0400 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
(2014-2018) li jikkumplementa Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni -
Orizzont 2020**

{SEC(2011) 1427}
{SEC(2011) 1428}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom (2014-2018) propost, minn hawn 'il quddiem il-'Programm Euratom', jikkonċerna attivitajiet ta' riċerka fl-enerġija nukleari (fużjoni u fissjoni) u l-protezzjoni mir-radjazzjoni. Il-proposta hija parti integrali mill-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020. Dan jiddetermina l-baġit kumplessiv għal azzjonijiet diretti u indiretti, jistabbilixxi l-oġettivi għal attivitajiet ta' R&Ż u jispeċifika l-istrumenti li jappoġġawhom.

Il-proposta tiegħu l-forma ta' Regolament uniku li jkopri l-aspetti rilevanti kollha għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka fl-oqsma msemmija hawn fuq, jiffissa l-oġettivi xjentifiċi u teknoloġiċi u jistabbilixxi regoli xierqa għall-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-universitajiet u l-industrija. Dan se jkopri l-programm ta' riċerka u żvilupp tal-enerġija mill-fużjoni, l-attivitajiet ta' riċerka tal-fissjoni u l-protezzjoni mir-radjazzjoni, u l-azzjonijiet diretti tal-JRC fis-sigurtà u s-sikurezza nukleari.

Għalhekk il-proposta se tiżgura li matul is-snin 2014-18 jitkomplew l-attivitajiet ta' riċerka u taħriġ iffinanzjati mill-Unjoni fix-xjenza u t-teknoloġija nukleari, sabiex b'hekk jinżammu l-programmi effettivi u effiċjenti li preżentament jikkatalizzaw u jikkoordinaw attivitajiet fl-Istati Membri, sabiex jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-Unjoni.

Billi jappoġġa l-prijoritajiet ta' hawn fuq, il-Programm Euratom (2014-2018) se jikkontribwixxi għal tliet oġettivi strateġiċi elenkati fil-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, jiġifieri: *xjenza eċċellenti, tmexxija industrijali u sfidi tas-soċjetà*. Minħabba f'hekk, se jinżammu ħoloq u interfaċċi li jixirqu bejn il-Programm Euratom u l-Programm Qafas Orizzont 2020.

Il-Programm Euratom propost huwa marbut b'mod ċar mal-oġettivi tal-istrategġija Ewropa 2020 u Enerġija 2020. Il-programm se jikkontribwixxi għall-inizjattiva ewlenija 'Unjoni tal-Innovazzjoni' billi jappoġġa riċerka prekummerċjali u rilevanti għall-politika u jiffaċilita t-trasferiment tat-teknoloġija bejn il-qasam akkademiku u l-industrija. Billi jpoġġi enfasi fuq it-taħriġ fl-attivitajiet kollha tiegħu, jagħti spinta lill-kompetittività fl-industrija nukleari eżistenti u joħloq settur ġdid ta' industrija b'teknoloġija avvanzata b'mod partikolari għall-enerġija mill-fużjoni, il-Programm Euratom għandu jwassal għal tkabbir u impjegi ġodda f'firxa wiesgħa ta' dixxiplini.

It-Trattat Euratom jillimita t-tul ta' żmien tal-programmi ta' riċerka fil-qasam nukleari sa 5 snin¹. Il-leġislazzjoni proposta għalhekk se tiskadi fl-aħħar tal-2018.

ITER huwa indirizzat f'Deċiżjoni separata, għaliex il-finanzjament għal dan il-proġett se jkun barra mill-Qafas Finanzjarju Multiannwali, f'konformità mal-Komunikazzjoni 'Baġit għall-Ewropa 2020', (COM(2011)500 tad-29.6.2011).

Il-Programm Euratom (2014-2018) huwa implimentat permezz ta' Regolament uniku, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tar-riċerka nukleari. Dan l-approċċ ġdid huwa differenti mill-perjodi ta' programmar preċedenti,

¹ It-Trattat Euratom, l-Artikolu 7

fejn il-kontenut tar-Regolament preżenti kien jiġi kopert minn erba' atti leġiżlattivi differenti (tliet Deċiżjonijiet dwar il-Programm Qafas rispettivament, il-Programm Speċifiku għall-azzjonijiet indiretti u l-Programm Speċifiku għall-azzjonijiet diretti tal-JRC, kif ukoll Regolament li jistabbilixxi r-Regoli għall-Parteċipazzjoni tal-impriżi, iċ-ċentri tar-riċerka u l-universitajiet u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka).

Ir-Regolament b'mod ekwu jindirizza l-oġettiv tas-simplifikazzjoni billi jirreferi għall-istess Fond ta' Garanzija għall-partiċipanti bħal ma jagħmel fil-Programm Qafas Orizzont 2020.

Barra minn hekk, il-Programm Euratom (2014-2018) jissuġġerixxi simplifikazzjoni kbira tar-regoli ta' finanzjament kif ukoll strateġija tal-kontroll riveduta, biex b'hekk jappoġġa l-oġettiv ġenerali ta' simplifikazzjoni.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATTI

Il-preparazzjoni tal-proposta tal-Programm Euratom qieset bis-siġh ir-risposti tal-konsultazzjoni pubblika estensiva bbażata fuq il-Green Paper 'Il-bidla ta' sfidi f'Opportunitajiet: Lejn Qafas Strateġiku Komuni għall-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni'². Ġew organizzati konsultazzjonijiet addizzjonali bl-oġettiv li jiddiskutu l-isfida tal-enerġija fil-programm ta' riċerka tal-futur ma' rappreżentanti tal-gvernijiet u ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati mill-industrija, il-qasam akkademiku u s-soċjetà ċivili, li koprew kemm kwistjonijiet nukleari kif ukoll oħrajn li mhumiex. Il-Kummissjoni qieset ukoll ir-riżultati tad-diskussjonijiet li seħħew fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għall-Programm Qafas tal-Euratom għall-2012-2013.

Il-proposta tiddependi wkoll minn valutazzjoni tal-impatt fil-fond, imsejsa fuq il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati u l-evalwazzjonijiet interni u esterni. Il-valutazzjoni sabet li l-isfidi fis-sikurezza nukleari u l-ħiliet nukleari li qed jonqsu fl-Ewropa jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv bl-isfruttar ta' sinerġiji bejn l-isforzi tar-riċerka tal-Istati Membri u s-settur privat, u bejn id-dixxiplini xjentifiċi u s-setturi teknoloġiċi. Azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' ssaħħaħ il-qafas tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam nukleari u tikkordina l-isforzi fir-riċerka tal-Istati Membri u b'hekk tevita d-duplikazzjoni, iżżomm il-massa kritika f'oqsma ewlenin u tiżgura li l-finanzjament pubbliku qed jintuża għall-aħjar effett. Programm fil-livell tal-Unjoni jista' jkun responsabbli wkoll mill-programm ta' riskju għoli u fit-tul tar-R&Ż fl-enerġija mill-fużjoni, u b'hekk jikkondividi r-riskju u jiġġenera firxa ta' ambitu u ekonomiji ta' skala li ma jistgħux jinkisbu mod ieħor.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-bażi legali għal dan il-Programm Qafas hija pprovduta mill-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-baġit tal-proposta qiegħed ippreżentat fil-prezzijiet kurrenti. Id-'dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva' mhemuża ma' din il-proposta tiffissa l-implikazzjonijiet tar-riżorsi baġitarji, umani u amministrattivi.

² COM(2011)48

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (minn hawn 'il quddiem 'il-Trattat Euratom'), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew³,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Billi:

- (1) Wieħed mill-għanijiet tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (minn hawn 'il quddiem 'il-Komunità') huwa li tikkontribwixxi biex jiżdied l-istandard tal-għixien fl-Istati Membri billi, fost affarijiet oħra, tippromwovi u tiffaċilita r-riċerka nukleari fl-Istati Membri u tikkumplementaha billi twettaq programm ta' riċerka u taħriġ tal-Komunità.
- (2) Ir-riċerka nukleari tista' tikkontribwixxi għall-prosperità soċjali u ekonomika u s-sostenibbiltà ambjentali billi ttejjeb is-sikurezza u s-sigurtà nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni. Tal-istess importanza hija l-kontribuzzjoni tar-riċerka nukleari għad-dekarbonizzazzjoni fuq terminu ta' żmien twil tas-sistema tal-enerġija f'mod sikur, effiċjenti u sigur.
- (3) Billi jappoġġa r-riċerka nukleari l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità (minn hawn 'il-quddiem 'il-Programm Euratom') se jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġettivi tal-il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 'Orizzont 2020' stabbilit permezz tar-Regolament (UE XX/XXX ta' [...])⁵ (minn hawn 'il quddiem 'Programm Qafas Orizzont 2020') u jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-ħolqien u l-operat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ ĠU L [...]

- (4) Minkejja l-impatt potenzjali tal-enerġija nukleari fuq il-provvista tal-enerġija u l-iżvilupp ekonomiku, aċċidenti nukleari severi għandhom il-potenzjali li jagħmlu ħsara fis-saħħa umana. Għalhekk, is-sikurezza nukleari u, fejn jixraq, l-aspetti tas-sigurtà għandhom jingħataw l-ikbar attenzjoni possibbli fil-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom.
- (5) Peress li l-Istati Membri kollha għandhom installazzjonijiet nukleari jew jagħmlu użu minn materjali radjuattivi b'mod partikolari għal skopijiet mediċi, il-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2008⁶ irrikonoxxa l-ħtieġa li għad hemm għall-ħiliet fil-qasam nukleari, b'mod partikolari permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jixirqu marbutin mar-riċerka u koordinati fil-livell tal-Komunità.
- (6) Il-Komunità, billi ffirmat il-Ftehim dwar l-Istabiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Enerġija mill-Fużjoni tal-ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER⁷, impenjat ruħha li tipparteċipa fil-kostruzzjoni tal-ITER u fl-isfruttar tiegħu fil-futur. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità hija ġestita permezz tal-‘Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni’ (minn hawn ‘il quddiem ‘Fużjoni għall-Enerġija’), stabbilita permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2007⁸. L-attivitajiet għal Fużjoni għall-Enerġija, inkluż ITER, għandhom jiġu rregolati minn att leġislativ separat.
- (7) Biex il-fużjoni issir għażla kredibbli għall-produzzjoni kummerċjali tal-enerġija, l-ewwel nett jeħtieġ li l-kostruzzjoni tal-ITER titlesta b'suċċess u fil-ħin u jibda l-operat tiegħu. It-tieni nett jeħtieġ li jiġi stabbilit pjan direzzjonali ambizzjuż, iżda realistiku lejn il-produzzjoni tal-elettriku sal-2050. L-ilħuq ta' dawn il-miri jirrikjedi li l-programm Ewropew tal-fużjoni jingħata direzzjoni mill-ġdid. Għandu jkun hemm fokus aktar b'saħħtu fuq l-attivitajiet li jappoġġaw l-ITER. Razjonalizzazzjoni bħal din għandha tintlaħaq mingħajr ma jkun hemm tfixkil fit-tmexxija Ewropea tal-komunità xjentifika tal-fużjoni.
- (8) Iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC) għandu jkompli jipprovdi appoġġ xjentifiku u teknoloġiku indipendenti u xprunat mill-konsumatur għall-formulazzjoni, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki tal-Komunità, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u taħriġ tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari.
- (9) Iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka għandu jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali permezz ta' attivitajiet kompetittivi, inkluż il-parteċipazzjoni fl-azzjonijiet indiretti tal-Programm Euratom, ix-xogħol tal-parti terza u, fuq livell inqas, l-isfruttar tal-proprjetà intelletwali.
- (10) Filwaqt li hija l-għażla individwali ta' kull Stat Membru jekk għandux jagħmel użu jew le mill-enerġija nukleari, ir-rwol tal-Unjoni huwa li tiżviluppa, fl-interess tal-Istati Membri kollha, qafas biex tappoġġa riċerka mill-aktar avvanzata konġunta, il-ħolqien u l-preservazzjoni tal-għarfien dwar it-teknoloġiji tal-fissjoni nukleari, b'enfasi speċjali fuq is-sikurezza, is-sigurtà, il-protezzjoni mir-radjazzjoni u n-nonproliferazzjoni. Dak jirrikjedi evidenza xjentifika indipendenti, li għaliha l-JRC

⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2008 dwar il-ħtieġa għall-ħiliet fil-qasam nukleari (15406/08).

⁷ ĠU L 358, 16.12.2006. p.62

⁸ ĠU L 90, 30.03.2007

jista' jagħmel kontribuzzjoni prinċipali. Dak ġie rikonoxxut fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Inizjattiva Ewlenija tal-Ewropa 2020 Unjoni tal-Innovazzjoni'⁹, fejn il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li ssaħħa l-evidenza xjentifika għat-tfassil tal-politika permezz tal-JRC. Il-JRC jipproponi li jwieġeb għal dik l-isfida billi jiffoka r-riċerka tiegħu dwar is-sikurezza u s-sigurtà nukleari fuq il-prijoritajiet tal-politika tal-Unjoni.

- (11) Bil-għan li tissaħħa ir-relazzjoni bejn ix-xjenza u s-soċjetà u tiġi rinforzata l-kunfidenza pubblika fix-xjenza, il-Programm Euratom għandu jiffavorixxi involviment infurmat ta' ċittadini u soċjetà ċivili dwar kwistjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni permezz tal-promozzjoni tal-edukazzjoni tax-xjenza, billi l-għarfien xjentifiku ikun iktar aċċessibbli, bl-iżvilupp ta' aġendi ta' riċerka u innovazzjoni responsabbli li jissodisfaw t-tħassib u l-aspettattivi taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili u bl-iffaċilitar tal-partekippazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tal-programm Euratom.
- (12) L-implimentazzjoni tal-Programm Euratom għandha twieġeb għall-opportunitajiet u l-ħtiġijiet li qed jevolvu mix-xjenza u t-teknoloġija, l-industrija, il-politiki u s-soċjetà. Fil-fatt, l-aġendi għandhom ikunu stabbiliti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati mis-setturi kollha konċernati, u għandha tkun permessa flessibbiltà suffiċjenti għal żviluppi ġodda. Il-konsultazzjoni esterna għandha tkun mfittxa fuq bażi kontinwa matul il-Programm Euratom, ukoll permezz tal-użu ta' strutturi rilevanti bħall-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija.
- (13) Il-Programm Euratom għandu jikkontribwixxi għall-attrattività tal-professjoni tar-riċerka fl-Unjoni. Għandha tingħata attenzjoni adegwata lil Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi¹⁰, flimkien ma' oqfsa ta' referenza rilevanti oħrajn definiti fil-kuntest taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, filwaqt li tkun rispettata n-natura volontarja tagħhom.
- (14) L-attivitajiet żviluppati taħt il-Programm Euratom għandhom jimmiraw li jippromwov u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fir-riċerka u l-innovazzjoni, billi jindirizzaw b'mod partikolari l-kawżi sottostanti fl-iżbilanċ tas-sessi, billi jisfruttaw il-potenzjal kollu kemm tar-riċerkaturi nisa kif ukoll tal-irġiel u billi jintegraw d-dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tal-proġetti sabiex itejbu l-kwalità tar-riċerka u jstimulaw l-innovazzjoni. L-attivitajiet għandhom jimmiraw ukoll għall-implimentazzjoni tal-prinċipji relatati mal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel stipulati fl-Artikolu 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropa u l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (15) L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni appoġġati mill-Programm Euratom għandhom jirrispettaw il-prinċipji etiċi fundamentali. Għandhom jitqisu l-opinjoni tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġija l-Ġodda. L-attivitajiet ta' riċerka għandhom iqisu wkoll l-Artikolu 13 tat-TFUE u jnaqqsu l-użu tal-annimali fir-riċerka u l-ittestjar, bil-ħsieb li ultimament l-użu tal-annimali jiġi sostitwit. L-attivitajiet kollha għandhom jitwettqu bl-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

⁹ COM(2010) 546 finali, 6.10.2010.

¹⁰ C(2005) 576 finali, 11.3.2005

- (16) Għandu jinkiseb ukoll impatt ikbar bil-kombinament tal-Programm Euratom u l-fondi tas-settur privat fi ħdan l-isħubiji pubbliċi-privati f'oqsma ewlenin fejn ir-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għall-miri kompetittivi usa' tal-Unjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-involviment tal-impriżi żgħar u medji.
- (17) Il-Programm Euratom għandu jippromwovi l-kooperazzjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza, mal-pajjiżi terzi bbażata fuq l-interess komuni u l-benefiċċju reċiproku.
- (18) Sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwi għall-impriżi kollha attivi fis-suq intern, il-finanzjament ipprovdut mill-Programm Euratom għandu jkun imfassal skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat sabiex jiżgura l-effettività tan-nefqa pubblika u ma jippermettix distorsjonijiet tas-suq bħall-imblokk għall-aċċess tal-finanzjament privat, il-ħolqien ta' strutturi tas-suq ineffettivi jew il-preservazzjoni ta' kumpaniji ineffiċjenti.
- (19) Il-ħtieġa għal approċċ ġdid għall-ġestjoni tal-kontroll u r-riskju fil-finanzjament tar-riċerka tal-Unjoni ġie rikonoxxut mill-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011, fejn saret talba għal bilanċ ġdid bejn il-fiduċja u l-kontroll u bejn it-teħid u l-evitar tar-riskju. Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 dwar is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas għar-Riċerka¹¹, talab għal bidla pragmatika lejn is-simplifikazzjoni amministrattiva u finanzjarja u ddikjara li l-ġestjoni tal-finanzjament tar-riċerka Ewropea għandha tkun ibbażata aktar fuq il-fiduċja u toleranti tar-riskju lejn il-parteċipanti.
- (20) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom ikunu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu kollu tan-nefqa, inkluż l-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, l-irkupru tal-finanzjamenti mitlufa, imħallsin ħażin jew użati b'mod skorrett u, fejn jixraq, il-penali. Strateġija tal-kontroll riveduta, għandha tibdel il-fokus mill-minimizzazzjoni tar-rati tal-iżball lejn kontroll ibbażat fuq ir-risjku u d-detezzjoni tal-frodi, u għandha tnaqqas il-piż tal-kontroll għall-parteċipanti.
- (21) Huwa importanti li tiġi żgurata amministrazzjoni finanzjarja soda tal-Programm Euratom u l-implimentazzjoni tiegħu bl-iktar mod effettiv u faċli għall-utent, filwaqt li jkunu żgurati wkoll iċ-ċertezza legali u l-aċċessibbiltà tal-programm għall-parteċipanti kollha. Hemm il-ħtieġa li tkun żgurata l-konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru XXXX/2012 [Regolament Finanzjarju Ġdid]¹² u mar-rekwiżiti tas-simplifikazzjoni u regolamentazzjoni aħjar.
- (22) Sabiex tkun żgurata l-iktar implimentazzjoni effiċjenti possibbli, u aċċess faċli għall-parteċipanti kollha permezz ta' proċeduri simplifikati, u biex jinkiseb qafas koerenti, komprensiv u trasparenti għall-parteċipanti, il-parteċipazzjoni fil-Programm Euratom u d-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka għandhom ikunu suġġetti għar-regoli applikabbli fil-Programm Qafas 'Orizzont 2020', kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru XX/XXXX [Regoli għall-parteċipazzjoni] b'ċerti adattamenti.

¹¹ INI/2010/2079

¹² ĠU [...]

- (23) Huwa importanti li jkompli jiġi ffaċilitat l-isfruttar tal-proprjetà intelletwali żviluppata mill-parteċipanti filwaqt li jiġu protetti l-interessi leġittimi ta' parteċipanti oħrajn u l-Komunità f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Trattat Euratom.
- (24) Il-Fondi ta' Garanzija għall-parteċipanti, ġestiti mill-Kummissjoni u stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1908/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjoni taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2011)¹³ u r-Regolament (Euratom) Nru XX/XX ta' [...] li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tal-impriżi, iċ-ċentri tar-riċerka u l-universitajiet f'azzjonijiet indiretti taħt il-Programm Qafas tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u għad-disseminazzjoni tar-riżultati riċerka (2012-2013)¹⁴ taw prova li huma mekkaniżmu ta' salvagwardja importanti li jtaffi r-riskji assoċjati għall-ammonti dovuti u mhux rimborżati minn parteċipanti f'kontumaċja. Il-Fond ta' Garanzija għall-parteċipanti stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru XX/2012 [Regoli għal parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni] għandu jkopri wkoll azzjonijiet skont ir-Regolament (Euratom) Nru 1908/2006, ir-Regolament (Euratom) Nru XX/XX [ir-Regoli tal-Euratom għall-parteċipazzjoni (2012-2013)] u dan ir-Regolament.
- (25) L-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom jinkariga lill-Kummissjoni bir-responsabbiltà li twettaq il-Programm Euratom. Il-Kummissjoni, għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Programm Euratom, bl-eċċezzjoni tal-azzjonijiet diretti tagħha, għandha tkun mgħejjuna minn kumitat konsultattiv tal-Istati Membri sabiex jiżguraw koordinazzjoni li tixraq mal-politiki nazzjonali fl-oqsma koperti minn dan il-programm ta' riċerka u taħriġ.
- (26) Il-kisba tal-oġġettivi tal-Programm Euratom f'oqsma rilevanti tirrikjedi appoġġ għall-attivitajiet trasversali, kemm fi ħdan il-Programm Euratom u b'mod konġunt mal-attivitajiet tal-Programm Qafas 'Orizzont 2020'.
- (27) Il-ġestjoni effettiva tal-prestazzjoni, inkluż l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, jirrikjedu żvilupp ta' indikaturi speċifiċi tal-prestazzjoni li jistgħu jitkejlu matul iż-żmien; li huma realistiċi kif ukoll jirriflettu l-loġika tal-intervent; u rilevanti għal ġerarkija li tixraq tal-oġġettivi u l-attivitajiet. Għandhom jiddaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi ta' koordinazzjoni li jixirqu bejn l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Programm Euratom, u l-monitoraġġ tal-progress, il-kisbiet u l-funzjonament taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.
- (28) Il-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka, stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom tal-10 ta' April 1996 dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka¹⁵, ġie kkonsultat dwar il-kontenut xjentifiku u teknoloġiku tal-azzjonijiet diretti tal-JRC.
- (29) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/970/Euratom ta' 18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007-

¹³ ĠU L [...]

¹⁴ ĠU L 400, 30.12.2006, p. 1.

¹⁵ ĠU L 107, 30.4.1996, p. 12.

2011)¹⁶, ir-Regolament (Euratom) Nru 1908/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/976/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għal attivitajiet ta' riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007 – 2011)¹⁷, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/977/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet diretti miċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) għal attivitajiet ta' riċerka u taħriġ nukleari (2007 – 2011)¹⁸, id-Deċiżjoni tal-Kunsill XXXX/XXXX ta' [...] dwar il-Programm Qafas tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għal attivitajiet ta' riċerka nukleari u taħriġ (2012-2013)¹⁹, ir-Regolament (Euratom) Nru XXX/XXXX [Regoli Euratom għall-parteċipazzjoni (2012-2013)], id-Deċiżjoni tal-Kunsill XXXX/XXXX/Euratom ta' [...] dwar il-Programm Speċifiku, li jrid jitwettaq permezz ta' azzjonijiet indiretti, li jimplimenta l-Programm Qafas tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għal attivitajiet ta' riċerka nukleari u taħriġ (2012-2013)²⁰ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill XXXX/XXXX/Euratom ta' [...] dwar il-Programm Speċifiku li jrid jitwettaq permezz ta' azzjonijiet diretti miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka, li jimplimenta l-Programm Qafas tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għal attivitajiet ta' riċerka nukleari u taħriġ (2012-2013)²¹ għandhom jitħassru.

(30) Il-Kummissjoni kkonsultat il-Kumitat Xjentifiku u Tekniku tal-Euratom,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

STABILIMENT

Artikolu 1

Stabiliment

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2018, minn hawn 'il quddiem il-Programm Euratom', u jistipula r-regoli għall-parteċipazzjoni f'dak il-programm, inkluż il-parteċipazzjoni fi programmi ta' korpi tal-finanzjament li jimmaniġjaw il-fondi mogħtija skont dan ir-Regolament u fl-attivitajiet imwettqa b'mod konġunt taħt dan ir-Regolament u taħt il-Programm Qafas 'Orizzont 2020' stabbilit fir-Regolament (UE) XX/XXX (minn hawn 'il quddiem 'Orizzont 2020').

¹⁶ ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60.
¹⁷ ĠU L 400, 30.12.2006, p. 404.
¹⁸ ĠU L 400, 30.12.2006, p. 434.
¹⁹ ĠU L [...]
²⁰ ĠU L [...]
²¹ ĠU L [...]

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) *'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni'* tfisser l-ispettru totali ta' attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku, dimostrazzjoni u innovazzjoni, inkluż il-promozzjoni ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, disseminazzjoni u ottimizzazzjoni tar-riżultati u stimolazzjoni tat-taħriġ u l-mobbiltà tar-riċerkaturi fil-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (minn hawn 'il quddiem 'il-Komunità');
- (b) *'azzjonijiet diretti'* tfisser attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni permezz taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tagħha;
- (c) *'azzjonijiet indiretti'* tfisser attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li għalihom l-Unjoni jew il-Komunità (minn hawn 'il quddiem l-Unjoni') jipprovdu appoġġ finanzjarju u li jitwettqu mill-parteċipanti;
- (d) *'sħubija pubblika-privata'* tfisser sħubija fejn l-imsieħba tas-settur privat, il-Komunità u, fejn jixraq, imsieħba oħrajn, jimpenjaw irwieħhom li jappoġġaw b'mod konġunt l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programm ta' riċerka u innovazzjoni jew attivitajiet li huma ta' importanza strateġika;
- (e) *'sħubija pubblika-pubblika'* tfisser sħubija fejn korpi tas-settur pubbliku jew korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku fil-livell reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali jimpenjaw irwieħhom mal-Komunità biex b'mod konġunt jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programm jew attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni.

Artikolu 3

Objettivi

1. L-objettiv ġenerali tal-Programm Euratom huwa li jittejjbu s-sikurezza, is-sigurtà u l-protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari, u li jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni fit-tul tas-sistema tal-enerġija f'mod sikur, effiċjenti u sigur. L-objettiv ġenerali għandu jiġi implimentat permezz tal-attivitajiet speċifikati fl-Anness I fil-forma ta' azzjonijiet diretti u indiretti li jindirizzaw l-objettivi speċifiċi stipulati fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.
2. L-azzjonijiet indiretti tal-Programm Euratom għandu jkollhom l-objettivi li ġejjin:
 - (a) jappoġġaw l-operat sikur ta' sistemi nukleari;
 - (b) jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-iskart nukleari aħħari;
 - (c) jappoġġaw l-iżvilupp u s-sostenibbiltà tal-kompetenzi nukleari fil-livell tal-Unjoni

- (d) irawmu l-protezzjoni mir-rad jazzjoni;
 - (e) jimxu lejn dimostrazzjoni tal-fattibiltà tal-fużjoni bħala sors ta' enerġija (power) billi jisfruttaw faċilitajiet eżistenti u futuri tal-fużjoni;
 - (f) jibnu l-pedamenti għall-impjanti tal-enerġija mill-fużjoni tal-futur billi jiżviluppaw materjali, teknoloġiji u disinn kunċettwali;
 - (g) jippromwovu l-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali;
 - (h) jiżguraw id-disponibbiltà u l-użu tal-infrastrutturi tar-riċerka ta' rilevanza panEwropea;
3. L-azzjonijiet diretti tal-Programm Euratom għandu jkollhom l-oġettivi speċifiċi li ġejjin:
- (a) itejbu s-sikurezza nukleari inkluż: is-sikurezza tal-fjuwil u r-reattur, il-ġestjoni tal-iskart u d-dekommissjonar, u t-tħejjija għal emerġenza;
 - (b) itejbu s-sigurtà nukleari inkluż: is-salvagwardji nukleari, in-nonproliferazzjoni, il-ġlieda kontra t-traffikar illegali u l-forensiċi nukleari;
 - (c) iżiedu l-eċċellenza fil-bażi tax-xjenza nukleari għall-istandardizzazzjoni;
 - (d) irawmu l-ġestjoni tal-għarfien, l-edukazzjoni u t-taħriġ;
 - (e) appoġġ għall-politika tal-Unjoni dwar is-sikurezza u s-sigurtà nukleari u l-leġislazzjoni relatata tal-Unjoni li qed tevolvi
4. Il-Programm Euratom għandu jiġi implimentat f'tali mod li jiżgura li l-prijoritajiet u l-attivitajiet appoġġati huma rilevanti għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu u jqisu n-natura li qed tevolvi tax-xjenza, it-teknoloġija, l-innovazzjoni, it-tfassil tal-politika, is-swieq u s-soċjetà.
5. Fi ħdan l-oġettivi speċifiċi msemija fil-paragrafi 2 u 3, jistgħu jitqisu ħtiġijiet ġodda u mhux previsti li jirriżultaw matul l-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Programm Euratom, inkluż tweġibiet għal opportunitajiet, kriżijiet u theddid emerġenti, għal ħtiġijiet relatati mal-iżvilupp ta' politiki ġodda tal-Unjoni, u mat-tmexxija tal-azzjonijiet imbassra għall-appoġġ taħt programmi futuri.

Artikolu 4

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm Euratom għandu jkun EUR 1,788.889 miljun. L-ammont għandu jitqassam kif ġej:
- (a) azzjonijiet indiretti għall-programm ta' riċerka u żvilupp fil-fużjoni, EUR 709.713 miljun;
 - (b) azzjonijiet indiretti għall-fissjoni nukleari, is-sikurezza u l-protezzjoni mir-rad jazzjoni EUR 354.857 miljun;

(c) azzjonijiet diretti, EUR 724.319 miljun.

Għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti tal-Programm Euratom, in-nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni ma għandiex tkun iktar minn 13.5 %.

2. Il-pakkett finanzjarju tal-Programm Euratom jista' jkopri spejjeż li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni, li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm u għat-twettiq tal-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari l-istudji u l-laqgħat tal-esperti, sa fejn huma relatati mal-oġġettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament, l-ispejjeż marbuta ma' networks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, flimkien ma' kull spiża oħra ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm Euratom.
3. Fejn meħtieġ, l-approprijazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mill-2018 biex ikopru spejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva, sabiex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li jkunu għadhom ma tlestewx sal-31 ta' Diċembru 2018.
4. Fejn l-azzjonijiet diretti jikkontribwixxu għal inizjattivi stabbiliti minn entitajiet inkarigati bl-implimentazzjoni ta' kompiti mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 15, tali kontribuzzjoni ma għandix tiġi kkunsidrata bħala parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għal dawn l-inizjattivi.

Artikolu 5

Assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi

1. Il-Programm Euratom għandu jkun miftuħ għall-assoċjazzjoni ta':
 - (a) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, skont il-prinċipji u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' daww il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u d-deċiżjonijiet ta' kunsilli ta' assoċjazzjoni jew ftehimiet simili;
 - (b) pajjiżi terzi magħżula li jissodisfaw l-kriterji kollha li ġejjin:
 - (i) għandhom kapaċità tajba fix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni;
 - (ii) għandhom rekord tajjeb ta' mgħieba ta' parteċipazzjoni fil-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni;
 - (iii) għandhom rabtiet ekonomiċi u ġeografiċi mill-qrib mal-Unjoni;
 - (iv) huma membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) jew pajjiżi jew territorji elenkati fl-Anness għar-Regolament XX/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²².

²² ĠU L [...]

2. It-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi assoċjati fil-Programm Euratom, inkluż il-kontribuzzjoni finanzjarja, ibbażati fuq il-prodott domestiku gross tal-pajjiż assoċjat, għandhom ikunu determinati mill-ftehimiet internazzjonali bejn l-Unjoni u l-pajjiżi assoċjati.

TITOLU II

IMPLIMENTAZZJONI

KAPITOLU I

IMPLIMENTAZZJONI, ĠESTJONI U FOROM TA' APPOĠĠ

Artikolu 6

Ġestjoni u forum ta' appoġġ tal-Komunità

1. Il-Programm Euratom għandu jkun implimentat permezz ta' azzjonijiet indiretti li jużaw forma waħda ta' appoġġ finanzjarju jew diversi pprovduti mir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Finanzjarju Ġdid], inkluż għotjiet, premji, akkwist, strumenti finanzjarji u kontribuzzjonijiet finanzjarji. L-appoġġ tal-Komunità għandu jikkonsisti wkoll minn azzjonijiet diretti fil-forma ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li jsiru miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC).
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10 tat-Trattat Euratom, il-Kummissjoni tista' tinkariga parti mill-implimentazzjoni tal-Programm Euratom f'idejn korpi tal-finanzjament msemmija fl-Artikolu [55(1)(b)] tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Finanzjarju Ġdid].

Il-Kummissjoni tista' wkoll tinkariga l-implimentazzjoni ta' azzjoni indiretta taħt il-Programm Euratom lil korpi maħluqa taħt jew imsemmija fil-Programm Qafas 'Orizzont 2020'.

Artikolu 7

Regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka

1. Il-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe entità legali f'azzjonijiet indiretti li jsiru taħt il-Programm Euratom għandhom ikunu amministrati minn regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru XX/2012 [ir-Regoli għall-parteċipazzjoni u disseminazzjoni], suġġett għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.
2. Għall-iskopijiet tal-Programm Euratom, 'ir-regoli tas-sigurtà', imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40(2) tar-Regolament (XX) [ir-Regoli għall-parteċipazzjoni u disseminazzjoni] għandhom jinkludu l-interessi tad-difiża tal-Istati Membri fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 24 tat-Trattat Euratom.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 41(3) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament jistgħu, fir-rigward ta' riżultati li huma ġġenerati minn parteċipanti li jkunu rċevew kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità,

joġġezzjonaw għal trasferimenti ta' sjieda jew għal għotjiet kemm ta' liċenzja esklussiva kif ukoll dik li mhijiex, lill-partijiet terzi stabbiliti f'pajjiż terz li mhux assoċjat mal-Programm Euratom fejn jikkunsidraw li l-għotja jew it-trasferiment mhum iex f'konformità mal-interess tal-iżvilupp tal-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni jew huwa inkonsistenti mal-prinċipji etiċi jew il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà. 'Kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà għandha tinkludi l-interessi tad-difiża tal-Istati Membri fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 24 tat-Trattat Euratom.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46(1) ta' dak ir-Regolament, il-Komununità u l-impriżi konġunti tagħha għandhom, għall-fini tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki u l-programmi tal-Komunità jew l-obbligi assunti permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, igawdu minn drittijiet ta' aċċess għar-riżultati ta' parteċipant li jkun irċieva kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità. Drittijiet ta' aċċess bħal dawn għandhom jinkludu d-dritt biex partijiet terzi jiġu awtorizzati jużaw ir-riżultati fl-akkwist pubbliku u d-dritt ta' subliċenzjar u għandhom ikunu limitati għal użu mhux kummerċjali u mhux kompetittiv u għandhom jingħataw fuq bażi ta' mingħajr royalty.

3. Il-*'Fond ta' Garanzija għall-partiċipanti'* stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru XX/2012 [Regoli għall-partiċipazzjoni u d-disseminazzjoni] għandu jissostitwixxi u jissuċċedi il-Fondi ta' Garanzija għall-partiċipanti stabbiliti skont ir-Regolament (Euratom) Nru 1908/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru XX/XX [ir-Regoli Euratom għall-partiċipazzjoni 2012-2013].

Kwalunkwe somma mill-Fondi ta' Garanzija għall-partiċipanti stabbilit skont ir-Regolamenti (Euratom) Nru 1908/2006 u (Euratom) Nru XX/XX [ir-Regoli Euratom għall-partiċipazzjoni 2012-2013] għandha tiġi ttrasferita lill-Fond ta' Garanzija għall-Partiċipanti sa mill-31 ta' Diċembru 2013. Il-partiċipanti f'azzjonijiet taħt id-Deċiżjoni XX/XX [il-Programm Euratom 2012-2013] li jiffirmaw ftehimiet tal-għotja wara l-31 ta' Diċembru 2013 għandhom jagħmlu l-kontribuzzjoni tagħhom lill-Fond ta' Garanzija għall-partiċipanti.

Artikolu 8

Attivitajiet trasversali

1. Sabiex jinkisbu l-oġettivi tal-Programm Euratom u biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni tal-Programm Euratom u Orizzont 2020, azzjonijiet trasversali fl-azzjonijiet indiretti stipulati fl-Anness I u/jew dawk li jimplimentaw il-Programm Speċifiku tal-Programm Qafas Orizzont 2020, kif stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill XX/XXXX/UE²³, jistgħu jibbenefikaw mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tiġi kkumbinata mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal azzjonijiet indiretti stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru XX/XXXX [li jistabbilixxi Orizzont 2020], u implimentata permezz ta' skema unika ta' finanzjament.

²³ ĠUL [...]

Artikolu 9

Ugwaljanza bejn is-sessi

Il-Programm Euratom għandu jiżgura l-promozzjoni effettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Artikolu 10

Prinċipji etiċi

1. L-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni mwettqa taħt il-Programm Euratom għandhom ikunu konformi mal-prinċipji etiċi u l-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali, inkluż il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Protokolli Supplimentari tagħha.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lejn il-prinċipju ta' proporzjonalità, id-dritt għall-privatezza, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, id-dritt għall-integrità fiżika u mentali tal-persuni, id-dritt għan-nondiskriminazzjoni u l-bżonn li jkunu żgurati livelli għoljin ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

2. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li jitwettqu taħt il-Programm Euratom għandu jkollhom fokus esklussiv fuq l-applikazzjonijiet ċivili.

Artikolu 11

Programmi ta' Ħidma

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti. Il-programmi ta' ħidma għandhom jippermettu għal approċċi minn isfel għal fuq li jindirizzaw l-oġettivi f'modi innovattivi.

Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu l-elementi essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet skont ir-Regolament XX/2012 [ir-Regolament Finanzjarju], inkluż l-oġettivi dettaljati tagħhom, il-finanzjament assoċjat u l-iskeda taż-żmien, kif ukoll approċċ multiannwali u orjentazzjonijiet strateġiċi għas-snin li ġejjin ta' implimentazzjoni.

2. Għall-azzjonijiet diretti, il-Kummissjoni għandha, f'konformità mad-Deċiżjoni 96/282/Euratom, tfassal programm ta' ħidma multiannwali, li jistabbilixxi f'aktar dettall l-oġettivi u l-prijoritajiet xjentifiċi u teknoloġiċi ppreżentati fl-Anness I, u l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni.

Dak il-programm ta' ħidma multiannwali għandu jqis ukoll l-attivitajiet tar-riċerka rilevanti mwettqa mill-Istati Membri, pajjiżi assoċjati u organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali. Dan għandu jkun aġġornat meta u fejn xieraq.

3. Il-programmi ta' ħidma għandhom iqisu l-istat tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali u tal-iżviluppi rilevanti tal-politika, is-suq u s-soċjetà. Dawn għandhom ikunu aġġornati meta u fejn xieraq.
4. Il-programmi ta' ħidma għandu jkun fihom taqsima li tidentifika l-attivitajiet trasversali kif jissema fl-Artikolu 8.

Artikolu 12

Amministrazzjoni tal-programm

1. Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti tal-Programm Euratom, il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-kumitati konsultattivi li ġejjin:
 - (a) għal aspetti relatati mal-fissjoni, il-kumitat konsultattiv imsemmi fil-punti 5 u 6 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 84/338/Euratom, KEFA, KEE²⁴;
 - (b) għal aspetti relatati mal-fużjoni, mill-kumitat konsultattiv għall-programm tal-fużjoni stabbilit skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980²⁵.

B'deroga mill-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni 84/338/Euratom, KEFA, KEE u mill-punt 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980 rispettivament, il-kumitati konsultattivi għandhom ikunu ppreseduti mill-Kummissjoni.
2. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-kumitat rispettiv imsemmi fil-paragrafu 1 dwar il-progress ġenerali fl-implimentazzjoni tal-Programm Euratom, u għandha tipprovdih b'informazzjoni fil-ħin dwar l-azzjonijiet indiretti kollha proposti jew ffinanzjati taħt il-Programm Euratom.

Artikolu 13

Konsulenza esterna u involviment tas-soċjetà

1. Għall-implimentazzjoni tal-Programm Euratom, għandhom jitqisu l-pariri u l-inputs pprovduti minn, fejn jixraq: il-Kumitat Xjentifiku u Tekniku tal-Euratom skont l-Artikolu 134 tat-Trattat Euratom; gruppi konsultattivi ta' esperti indipendenti, ta' livell għoli stabbiliti mill-Kummissjoni; l-istrutturi tad-djalogu li nħolqu taħt ftehimiet internazzjonali tax-xjenza u t-teknoloġija; attivitajiet li jħarsu 'l quddiem; konsultazzjonijiet pubbliċi mmirati; u proċessi trasparenti u interattivi li jiżguraw appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni responsabbli.
2. Għandhom jitqisu wkoll kompletament l-aspetti rilevanti tal-aġendi ta' riċerka u innovazzjoni stabbiliti permezz tal-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija, l-Inizjattivi Konġunti tal-Programmar u l-Isħubiji Ewropej għall-Innovazzjoni.

KAPITOLU II

²⁴ ĠU L 177, 4.7.1984, p. 25.

²⁵ Mhux ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*.

OQSMA SPEĊIFIĊI TA' AZZJONI

Artikolu 14

Impriżi żgħar u medji

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-impriżi żgħar u medji (SMEs) biex tkun żgurata l-parteeipazzjoni adegwata tagħhom, u l-impatti tal-innovazzjoni fuqhom, fil-Programm Euratom. Għandhom jitwettqu valutazzjonijiet kwantitattivi u kwalitattivi tal-parteeipazzjoni tal-SMEs bħala parti mill-arranġamenti tal-evalwazzjoni u monitoraġġ.

Artikolu 15

Sħubiji pubbliċi-privati u pubbliċi-pubbliċi

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3, l-attivitajiet speċifiċi tal-Programm Euratom jistgħu jkunu implimentati permezz ta':

- (a) Impriżi Konġunti stabbiliti abbażi tal-Kapitolu 5 tat-Trattat Euratom;
- (b) Sħubiji pubbliċi-pubbliċi abbażi tal-iskema ta' finanzjament 'Azzjonijiet kofinanzjati tal-programm';
- (c) Sħubiji kuntrattwali pubbliċi-privati, kif jissewma fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru xxx/201x.

Artikolu 16

Kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

1. Entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu eliġibbli biex jipparteċipaw f'azzjonijiet indiretti tal-Programm Euratom taħt il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) XX/XXX [Regoli għall-Parteċipazzjoni]. L-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ġenerali qegħdin stabbiliti fl-Artikolu 7. Il-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali għandha tiġi promossa mill-Programm Euratom sabiex:
 - (a) tissaħħaħ l-eċċellenza u l-attrattività tal-Unjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll il-kompetittività ekonomika u industrijali tagħha;
 - (b) jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi globali tas-soċjetà;
 - (c) jiġu appoġġati l-oġġettivi esterni tal-politika tal-Unjoni, u jiġu kkumplimentati l-programmi esterni.
2. Azzjonijiet immirati bl-oġġettiv li jippromwovu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jew gruppi speċifiċi ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu implimentati abbażi ta' interess komuni u benefiċċju reċiproku, filwaqt li jqisu l-kapaċitajiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħhom u l-oportunitajiet tas-suq, u l-impatt mistenni.

L-aċċess reċiproku għal programmi ta' pajjiżi terzi għandu jkun mħeġġeġ. Sabiex ikun massimizzat l-impatt, għandhom ikunu promossi l-koordinazzjoni u s-sinerġiji ma' inizjattivi ta' Stati Membri u pajjiżi assoċjati.

Il-prijoritajiet tal-kooperazzjoni għandhom iqisu l-iżviluppi fil-politika u l-opportunitajiet tal-Unjoni għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, kif ukoll in-nuqqasijiet possibbli fis-sistemi tal-proprjetà intelletwali tal-pajjiżi terzi.

Artikolu 17

Komunikazzjoni u disseminazzjoni

1. Meta jkun qed jiġi implimentat il-Programm Euratom, l-attivitajiet ta' disseminazzjoni u komunikazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati bħala parti integrali tal-azzjonijiet appoġġati mill-Programm Euratom.
2. L-attivitajiet tal-komunikazzjoni jistgħu jinkludu:
 - (a) inizjattivi mmirati lejn it-tkabbir tas-sensibilizzazzjoni u l-iffaċilitar tal-aċċess għal finanzjament taħt il-Programm Euratom, b'mod partikolari għal dawk ir-reġjuni jew tipi ta' parteċipant li mhumiex rappreżentati biżżejjed;
 - (b) għajjuna mmirata lejn proġetti u konsorzji sabiex jipprovduhom b'aċċess għall-ħiliet neċessarji biex jottimizzaw il-komunikazzjoni u d-disseminazzjoni tar-riżultati;
 - (c) inizjattivi biex jitrawwem id-djalogu u d-dibattitu dwar kwisjonijiet relatati xjentifiċi, teknoloġiċi u innovattivi mal-pubbliku, u jieħdu vantaġġ tal-midja soċjali u teknoloġiji u metodoloġiji oħrajn innovattivi;
 - (d) komunikazzjoni tal-prijoritajiet tal-politika tal-Unjoni sakemm huma relatati mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament.
3. Suġġett għad-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat Euratom u l-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, l-attivitajiet tad-disseminazzjoni jistgħu jinkludu:
 - (a) attivitajiet li jiġbru flimkien riżultati minn firxa ta' proġetti, inkluż dawk li jistgħu jiġu ffinanzjati minn sorsi oħrajn, biex jipprovdu bażijiet tad-dejta faċli għall-utent u rapporti li jagħtu sommarju tas-sejbiet prinċipali;
 - (b) disseminazzjoni tar-riżultati lil dawk li jfasslu l-politika, inkluż korpi tal-istandardizzazzjoni, biex jippromwovu l-użu ta' riżultati rilevanti għall-politika mill-korpi adattati fil-livell internazzjonal, tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali.

KAPITOLU III

KONTROLL

Artikolu 18

Kontroll u verifika

1. Is-sistema ta' kontroll stabbilita għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun ddisinjata sabiex tipprovdi assigurazzjoni raġonevoli dwar l-ilħuq ta' ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, filwaqt li tqis il-karattru multiannwali tal-programmi kif ukoll in-natura tal-pagamenti konċernati.
2. Is-sistema ta' kontroll għandha tiżgura bilanċ xieraq bejn il-fiduċja u l-kontroll, tqis l-ispejjeż amministrattivi u oħrajn tal-kontrolli fil-livelli kollha, sabiex l-oġġettivi tal-programm Euratom jistgħu jintlaħqu u l-aktar riċerkaturi eċċellenti u l-aktar impriżi innovattivi jistgħu jkunu attratti lejha.
3. Bħala parti mis-sistema ta' kontroll, l-istrateġija tal-verifika għan-nefqa fl-azzjonijiet indiretti taħt il-Programm Euratom għandha tkun ibbażata fuq il-verifika finanzjarja ta' kampjun rappreżentattiv tan-nefqa mifruq fuq il-programm kollu. Kampjun rappreżentattiv bħal dan għandu jkun ikkumplementat minn għażla bbażata fuq valutazzjoni tar-riskji relatati man-nefqa.

Il-verifiki tan-nefqa fl-azzjonijiet indiretti taħt il-Programm Euratom għandhom jitwettqu f' manjiera koerenti f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività sabiex ikun minimizzat il-piż tal-verifika tal-partiċipanti.

Artikolu 19

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri li jixirqu li, meta jiġu implimentati azzjonijiet finanzjati taħt dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, fejn jiġu individwati l-irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa b'mod skorrett u, fejn jixraq, b'piani effettivi, proporzjonati u deterrenti.
2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' verifika, abbażi ta' dokumenti u kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-ġotja, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi u partijiet terzi oħrajn kollha li rċevew fondi tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, il-verifiki tal-Kummissjoni jistgħu jitwettqu sa erba' snin wara l-aħħar pagament.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operatori ekonomiċi konċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96²⁶ bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività oħra illegali li teffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konnessjoni ma' ftehim tal-ġotja jew deċiżjoni tal-ġotja jew kuntratt li jikkonċerna l-fondi tal-Unjoni.

²⁶ ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, ftehimiet tal-għotja, deċiżjonijiet tal-għotja u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF biex iwettqu verifiki, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post.

KAPITOLU IV

MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Artikolu 20

Monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel monitoraġġ annwali tal-implimentazzjoni, inkluż il-progress u l-kisbiet, tal-Programm Euratom.
2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta u tiddissemina r-riżultati ta' dak il-monitoraġġ.

Artikolu 21

Evalwazzjoni

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu f'manjera suffiċjentament fil-ħin sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Sal-31 ta' Mejju 2017, u filwaqt li titqis l-evalwazzjoni ex post tas-7 Programm Kwadru tal-Euratom stabbilit permezz tad-Deċiżjoni 2006/970/Euratom u tal-Programm Euratom (2012-2013) stabbilit permezz tad-Deċiżjoni 20XX/XX/Euratom, li għandha titlesta sal-aħħar tal-2015, il-Kummissjoni għandha twettaq, bl-assistenza ta' esperti indipendenti, evalwazzjoni interim tal-Programm Euratom dwar il-kisbiet, fil-livell tar-riżultati u progress lejn l-impatti, tal-oġettivi u r-rilevanza kontinwa tal-miżuri kollha, l-effiċjenza u l-użu tar-riżorsi, l-ambitu għal aktar simplifikazzjoni, u l-valur miżjud Ewropew. L-evalwazzjoni għandha tqis ukoll il-kontribuzzjoni tal-miżuri tal-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkusiv u r-riżultati tal-impatt fit-tull tal-miżuri preċedenti.

Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha twettaq, bl-assistenza ta' esperti indipendenti, evalwazzjoni ex-post tal-Programm Euratom. Dik għandha tkopri r-raġunament, l-implimentazzjoni u l-kisbiet, kif ukoll l-impatti u s-sostenibbiltà tal-miżuri fit-tull, biex jikkontribwixxu għal deċiżjoni dwar il-possibbiltà ta' tiġdid, modifika jew sospensjoni ta' miżura sussegwenti.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 l-azzjonijiet diretti u indiretti tal-Programm Euratom għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjonijiet separati.
3. L-evalwazzjonijiet msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jivvalutaw il-progress lejn l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, filwaqt li jqisu, l-indikaturi tal-prestazzjoni rilevanti definiti fl-Anness II.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bid-dejta u l-informazzjoni neċessarji għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri konċernati.
5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI U TRANŻITORJI

Artikolu 22

Dispożizzjonijiet tranżitorji u ta' tħassir

1. Id-Deċiżjoni 2006/970/Euratom, ir-Regolament (Euratom) Nru 1908/2006, id-Deċiżjoni 2006/976/Euratom, id-Deċiżjoni 2006/977/Euratom, id-Deċiżjoni XXXX/XXXX [Programm Qafas tal-Euratom (2012-2013)], ir-Regolament (Euratom) No XXX/XXXX [Regoli Euratom għall-parteċipazzjoni (2012-2013)], id-Deċiżjoni XXXX/XXXX/Euratom [Programm speċifiku (2012-2013)] u d-Deċiżjoni XXXX/XXXX/Euratom [Programm speċifiku – azzjonijiet diretti (2012-2013)] qed jiġihassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.
2. L-attivitajiet li jibbenefikaw mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità taħt il-programmi stabbiliti permezz tad-Deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-obbligazzjonijiet finanzjarji relatati għandhom ikompli jiġu amministrati mir-regoli applikabbli għal daww il-programmi sakemm jitlestew.
3. L-allokazzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 4 tista' tkopri wkoll in-nefqa tal-assistenza teknika u amministrattiva neċessarja biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn dak il-programm u l-miżuri adottati taħt id-Deċiżjoni XX/XX/Euratom [Programm Qafas tal-Euratom (2012-2013)], id-Deċiżjoni XXXX/XXXX/Euratom [Programm speċifiku (2012-2013)] u d-Deċiżjoni XXXX/XXXX/Euratom [Programm speċifiku – azzjonijiet diretti (2012-2013)].

Artikolu 23

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*l-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I - ATTIVITAJIET

1. RAĠUNAMENT GĦALL-PROGRAMM EURATOM – INWITTU T-TRIQ GĦALL-2020

Bil-kisba tal-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3, il-Programm Euratom għandu jirrinforza r-riżultati taħt it-tliet prioritajiet tal-Programm Qafas ‘Orizzont 2020’: *xjenza eċċellenti, tmexxija industrijali u sfidi tas-soċjetà*. Il-Programm Euratom għandu b'mod partikolari jappoġġa t-tranżizzjoni għal sistema tal-enerġija affidabbli, sostenibbli u kompetittiva fil-futur, hekk kif qed naffaċċaw skarsezza ta' riżorsi li qed tiżdied, ħtiġijiet tal-enerġija dejjem jikbru u t-tibdil fil-klima.

Il-Programm Euratom għandu jsaħħaħ il-qafas tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam nukleari u jikkoordina l-isforzi fir-riċerka tal-Istati Membri u b'hekk jevita d-duplikazzjoni, iżomm il-massa kritika f'oqsma ewlenin u jiżgura li l-finanzjament pubbliku qed jintuża bl-aħjar mod.

L-istrateġija biex il-fużjoni tiġi żviluppata bħala għażla kredibbli għall-produzzjoni kummerċjali ta' enerġija mingħajr karbonju, għandha ssegwi pjan direzzjonali lejn il-mira tal-produzzjoni tal-elettriku sal-2050. Biex tiġi implimentata dik l-istrateġija, għandu jitwettaq ristrutturar tax-xogħol relatat mal-fużjoni fl-Unjoni, inkluż l-amministrazzjoni, il-finanzjament u l-ġestjoni, sabiex tkun żgurata bidla minn enfasi fuq riċerka pura għad-disinn, il-bini u l-operat tal-faċilitajiet tal-futur bħal ITER, DEMO u lil hinn minnhom. Dak għandu jirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib bejn il-komunità tal-Unjoni tal-fużjoni kollha, il-Kummissjoni u l-aġenziji nazzjonali ta' finanzjament.

Sabiex tinżamm il-kompetenza tal-Unjoni neċessarja għall-ilħuq ta' dawk il-miri, il-programm għandu jkompli jtejjeb ir-rwol tiegħu fit-taħriġ permezz tal-istabbiliment ta' faċilitajiet tat-taħriġ ta' interess panEwropew li għandhom iwasslu programmi dedikati. Dak għandu jkompli jippromwovi ż-Żona Ewropea tar-Riċerka u aktar integrazzjoni tal-Istati Membri l-ġodda u l-pajjiżi assoċjati.

2. ATTIVITAJIET NEĊESSARJI BIEX JINKISBU L-OBJETTIVI TAL-PROGRAMM

2.1. Azzjonijiet indiretti

(a) Appoġġ għall-operat sikur tas-sistemi nukleari (*Sfidi tas-soċjetà*)

F'konformità mal-oġġettivi ġenerali, appoġġ għal attivitajiet ta' riċerka konġunta li jikkonċernaw l-operat sikur tas-sistemi tar-reatturi (inkluż il-faċilitajiet taċ-ċiklu tal-fjuwil) li qed jintużaw fl-Unjoni jew, sa fejn huwa meħtieġ sabiex tinżamm kompetenza mifruxa dwar is-sikurezza nukleari fl-Unjoni, dawk it-tipi ta' reatturi li jistgħu jintużaw fil-futur, filwaqt li jiffukaw esklussivament fuq l-aspetti tas-sikurezza, inkluż l-aspetti kollha taċ-ċiklu tal-fjuwil bħad-diviżjonar (partitioning) u t-tranzmutazzjoni (transmutation).

(b) Kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-iskart nukleari aħħari (*Xjenza eċċellenti; Sfidi tas-soċjetà*)

Attivitajiet ta' riċerka konġunti u/jew koordinati dwar l-aspetti ewlenin li jifdal fuq ir-rimi ġeoloġiku tal-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv ta' ħajja twila b'dimostrazzjoni tat-teknoloġiji u s-sikurezza, kif jixraq. Dawk l-attivitajiet għandhom jippromwovu l-iżvilupp ta' opinjoni

komuni tal-Unjoni dwar il-kwistjonijiet prinċipali relatati mal-ġestjoni tal-iskart mill-iskarikor tal-fjuwil sar-rimi. L-attivitajiet tar-riċerka relatati mal-ġestjoni ta' flussi oħra tal-iskart radjuattiv li għalihom s'issa għadhom ma jeżistux proċessi industrijali maturi.

(c) Appoġġ għall-iżvilupp u s-sostenibbiltà tal-kompetenzi nukleari fil-livell tal-Unjoni (*Xjenza eċċellenti*)

Promozzjoni tat-taħriġ konġunt u attivitajiet tal-mobbiltà bejn ċentri tar-riċerka u l-industrija, u bejn Stati Membri u Stati Assoċjati differenti, kif ukoll appoġġ għaż-żamma multidixxiplinarja tal-kompetenzi nukleari sabiex jiggarrantixxu d-disponibbiltà ta' riċerkaturi, inġiniera u impjegati kwalifikati kif suppost fis-settur nukleari fl-Unjoni fuq perjodu ta' żmien twil.

(d) Trawwim tal-protezzjoni mir-radjazzjoni (*Xjenza eċċellenti; Sfidi tas-soċjetà*)

Attivitajiet ta' riċerka konġunti u/jew koordinati, b'mod partikolari dwar ir-riskji minn dożi baxxi minn esponiment industrijali, mediku jew ambjentali u dwar il-ġestjoni ta' emerġenza f'rabta mal-aċċidenti li jinvolvu r-radjazzjoni, sabiex jipprovdu bażi panEwropea xjentifika u teknoloġika għal sistema ta' protezzjoni robusta, ekwitabbli u soċjalment aċċettabbli.

(e) Il-mixja lejn dimostrazzjoni tal-fattibiltà tal-fużjoni bħala sors ta' enerġija (power) billi jisfruttaw faċilitajiet eżistenti u futuri tal-fużjoni (*Tmexxija industrijali; Sfidi tas-soċjetà*)

Appoġġ għall-attivitajiet ta' riċerka komuni mwettqa minn membri tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni biex ikun żgurat biċċ malajr ta' operat ta' prestazzjoni għolja tal-ITER inkluż l-użu tal-faċilitajiet rilevanti (inkluż, JET - Joint European Torus), tal-immudellar integrat bl-użu ta' kompjuters ta' prestazzjoni għolja, u attivitajiet ta' taħriġ għat-tħejjija tar-riċerkaturi u l-inġiniera tal-ġenerazzjoni li jmiss.

(f) Bini tal-pedamenti għall-impjanti tal-enerġija mill-fużjoni tal-futur billi jiżviluppaw materjali, teknoloġiji u disinn kunċettwali (*Tmexxija industrijali; Sfidi tas-soċjetà*)

Appoġġ għall-attivitajiet konġunti mwettqa minn membri tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni biex jiġu żviluppanti u kkwalifikati materjali għal impjant tal-enerġija tad-dimostrazzjoni li jirrikjedu, fost l-oħrajn, xogħol ta' tħejjija għal faċilità tal-ittestjar tal-materjal adattata u negozjati għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni f'qafas internazzjonali adattat għal dik il-faċilità.

Appoġġ għall-attivitajiet konġunti tar-riċerka mwettqa minn membri tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni li għandhom jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-operat tar-reattur u għandhom jiżviluppaw u juru t-teknoloġiji rilevanti kollha għal impjant tal-enerġija tad-dimostrazzjoni tal-fużjoni. Dawk l-attivitajiet jinkludu t-tħejjija ta' disinn(i) kunċettwali ta' impjant tal-enerġija tad-dimostrazzjoni komplut(i) u l-esplorazzjoni tal-potenzjal tal-istellaraturi (stellarators) bħala teknoloġija tal-impjant tal-enerġija.

(g) Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali (*Tmexxija industrijali*)

Implimentazzjoni jew appoġġ għall-ġestjoni tal-għarfien u trasferiment tat-teknoloġija mir-riċerka kofinanzjata minn dan il-programm għall-industrija li tisfrutta l-aspetti innovattivi kollha tar-riċerka.

Promozzjoni tal-innovazzjoni permezz, fost l-oħrajn, tal-aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi, bażi tad-dejta għall-ġestjoni u d-disseminazzjoni tal-għarfien u l-promozzjoni ta' suġġetti tat-teknoloġija fil-programmi edukattivi.

Fuq terminu ta' żmien twil, il-Programm Euratom għandu jappoġġa t-tnejn u l-iżvilupp ta' settur industrijali tal-fużjoni nukleari kompetittiv, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali teknoloġiku għal impjant tal-enerġija mill-fużjoni b'involvimenti industrijali attiv fid-disinn u l-iżvilupp tal-proġetti.

(h) Żgurar tad-disponibbiltà u l-użu tal-infrastrutturi tar-riċerka ta' rilevanza panEwropea (*Xjenza eċċellenti*)

Attivitajiet li jappoġġaw il-kostruzzjoni, l-arranġament mill-ġdid, l-użu u d-disponibbiltà kontinwa ta' infrastrutturi tar-riċerka ewlenin taħt il-Programm Euratom, kif ukoll aċċess adattat għal daww l-infrastrutturi u kooperazzjoni bejniethom.

(i) Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni

Għotja (Azzjoni kofinanzjata tal-programm) għandha tingħata lill-entità legali li għandha tkun stabbilita jew nominata minn membri tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni sabiex timplimenta u tikkordina l-attivitajiet tagħhom. Dik l-għotja tista' tinkludi riżorsi in natura mill-Komunità, bħall-isfruttar xjentifiku u tekniku tal-faċilità JET skont l-Artikolu 10 tat-Trattat Euratom, jew is-sekondat tal-persunal tal-Kummissjoni.

2.2. Azzjonijiet diretti tal-JRC

L-attivitajiet nukleari tal-JRC għandhom jimmiraw li jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Direttivi tal-Kunsill 2009/71/Euratom²⁷ u 2011/70/Euratom²⁸, kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill li jagħtu prijorità lill-ogħla standards għas-sikurezza u s-sigurtà nukleari fl-Unjoni u internazzjonalment. Il-JRC għandu b'mod partikolari jimmobilizza l-kapaċità u l-kompetenza neċessarji sabiex jikkontribwixxi biex jiġi valuta u jtejjeb is-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari u l-użu paċifiku tal-enerġija nukleari u applikazzjonijiet oħra mhux tal-fissjoni, biex jipprovdi bażi xjentifika għal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u, fejn meħtieġ, jirreaġixxi fi ħdan il-limiti tal-missjoni u l-kompetenza tiegħu għall-inċidenti u l-aċċidenti nukleari. Għal dak il-għan, il-JRC għandu jwettaq riċerka u valutazzjonijiet, jipprovdi referenzi u standards u jwassal taħriġ u edukazzjoni dedikati. Is-sinerġiji mal-Pjattaforma Teknoloġika tal-Enerġija Nukleari Sostenibbli (SNETP) u inizjattivi oħra trasversali se jintużaw skont il-bżonn.

(a) Titjib tas-sikurezza nukleari inkluż: is-sikurezza tal-fjuwil u r-reattur, il-ġestjoni tal-iskart u d-dekommissjonar, u t-tnejn għal emerġenza

Il-JRC għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' għodod u metodi biex jikseb standards tas-sikurezza għoljin għar-reatturi tal-enerġija nukleari u ċ-ċikli tal-fjuwil rilevanti għall-Ewropa. Dawn l-għodod u metodi għandhom jinkludu:

²⁷ ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18.

²⁸ ĠU L 199, 19.7.2011, p. 1.

- (1) mudellar u metodoloġiji tal-analiżi ta' aċċident sever għal valutazzjoni tal-marġni operattivi tas-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari; appoġġ għall-istabbiliment ta' approċċ Ewropew komuni għall-evalwazzjoni ta' ċikli u disinni tal-fjuwil avvanzati; u investigazzjoni u disseminazzjoni tat-tagħlim miksub mill-esperjenza operattiva. Il-JRC għandu jkompli jirrinforza ċ-Ċentru Ewropew għall-Iskambju ta' Esperjenzi Operazzjonali tan-NPP' tiegħu biex iwieġeb għall-isfidi emerġenti tas-sikurezza nukleari minn wara Fukushima.
 - (2) minimizzazzjoni dwar l-inċertezzu xjentifiċi fit-tbassir tal-imġieba fit-tul tal-iskart nukleari u tat-tixrid tar-radjunuklidi fl-ambjent; u aspetti ewlenin tar-riċerka dwar id-dekummissjonar tal-installazzjonijiet nukleari.
 - (3) tiżi tal-kapaċità tal-Unjoni biex twieġeb għall-aċċidenti u inċidenti nukleari b'aktar żvilupp tas-sistemi ta' allert u mudelli għat-tixrid radjoloġiku fl-arja, u bl-immobilizzar tar-riżorsi u l-kompetenza għall-analiżi u l-mudellar tal-aċċidenti nukleari u l-forniment tal-appoġġ tekniku rilevanti.
- (b) Titjib tas-sigurtà nukleari inkluż: is-salvagwardji nukleari, in-nonproliferazzjoni, il-ġlieda kontra t-traffikar illegali u l-forensiċi nukleari**

Il-qasam tan-nonproliferazzjoni għandu jirċievi l-akbar attenzjoni possibbli. Il-JRC se:

- (1) jiżviluppa metodoloġiji u metodi ta' detezzjoni/verifika u teknoloġiji biex jappoġġaw is-salvagwardji tal-Komunità u jsaħħu s-salvagwardji internazzjonali.
- (2) jiżviluppa u japplika metodi imtejba u teknoloġija għal prevenzjoni, detezzjoni u rispons għall-inċidenti nukleari u radjuattivi, inkluż il-kwalifika tat-teknoloġija tad-detezzjoni u l-iżvilupp tal-metodi u t-tekniki tal-forensiċi nukleari għall-ġlieda kontra t-traffikar illegali f'sinerġiji mal-qafas globali CBRN (Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku, Nukleari).
- (3) jappoġġa l-implimentazzjoni tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari u strateġiji relatati tal-Unjoni permezz ta' studji ta' analiżi u aġġornament tal-evoluzzjoni teknika tar-reġimi ta' kontroll tal-esportazzjoni biex jappoġġa s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni u tal-Unjoni.

(c) Tiżdied l-Eċellenza fil-bażi tax-xjenza nukleari għall-istandardizzazzjoni

Il-JRC għandu jkompli jiżviluppa l-bażi xjentifika għas-sikurezza u s-sigurtà nukleari. Għandha tingħata enfasi għar-riċerka dwar il-proprjetajiet fundamentali u l-aġir tal-attinidi, materjali strutturali u nukleari. B'appoġġ għall-istandardizzazzjoni tal-Unjoni, il-JRC għandu jipprovdi standards nukleari mill-aktar avvanzati, dejta ta' referenza u kejl, inkluż l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-bażijiet tad-dejta rilevanti u l-għodod ta' valutazzjoni. Il-JRC għandu jappoġġa aktar żvilupp tal-applikazzjonijiet mediċi, l-aktar terapiji ġodda tal-kanċer bbażati fuq l-irradjazzjoni alfa.

(d) Trawwim tal-ġestjoni tal-għarfien, l-edukazzjoni u t-taħriġ

Il-JRC għandu jkun aġġornat dwar l-iżviluppi ġodda fir-riċerka u l-istrumentazzjoni, is-sikurezza u r-regolamenti ambjentali. Għal dak il-għan, għandu jiġi implimentat pjan ta' investiment rikorrenti għall-infrastrutturi xjentifiċi.

Sabiex l-Unjoni tibqa fuq quddiem tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari, il-JRC għandu jiżviluppa għodod tal-ġestjoni tal-għarfien, jimmonitorja x-xejriet tal-Unjoni fir-riżorsi umani permezz tal-Osservatorju Nukleari tar-Riżorsi Umani tiegħu u jwassal programmi ta' taħriġ u edukazzjoni dedikati, li jkopru wkoll aspetti tad-dekummisjonar.

(e) Appoġġ għall-politika tal-Unjoni dwar is-sikurezza u s-sigurtà nukleari u l-leġiżlazzjoni relatata tal-Unjoni li qed tevolvi

Il-JRC għandu jrawwem il-kompetenza tiegħu sabiex jipprovdi l-evidenza indipendenti xjentifika u teknika neċessarja biex jappoġġa l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li qed tevolvi dwar is-sikurezza u s-sigurtà nukleari.

Bħala l-Aġent ta' Implimentazzjoni tal-Euratom għall-Forum Internazzjonali tal-Ġenerazzjoni IV (GIF), il-JRC għandu jkompli jikkoordina l-kontribuzzjoni tal-Komunità għal GIF. Il-JRC għandu jindirizza u jkompli jiżviluppa l-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka ma' pajjiżi imsieħba u organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin (IAEA, OECD/NEA) sabiex jippromwovi l-politiki tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari tal-Unjoni.

3. ATTIVITAJIET TRASVERSALI FI ĦDAN IL-PROGRAMM EURATOM

Sabiex jikseb l-oġġettivi ġenerali tiegħu, il-Programm Euratom għandu jappoġġa attivitajiet kumplimentari (diretti u indiretti, koordinazzjoni u stimolazzjoni ta' programmar konġunt) li jiżguraw sinerġija tal-isforzi tar-riċerka biex isolvu sfidi komuni (bħal materjali, teknoloġija tal-likwidu berried, dejta nukleari ta' referenza, mudellar u simulazzjoni, immaniġġjar remot, ġestjoni tal-iskart, protezzjoni mir-radjażzjoni).

4. ATTIVITAJIET U INTERFAĊĊI TRASVERSALI MAL-PROGRAMM QAFAS GĦAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI 'ORIZZONT 2020'

Sabiex jinkisbu l-oġġettivi tal-Programm Euratom, għandhom ikunu żgurati rabtiet u interfaċċi adattati, bħal sejħiet konġunti, mal-Programm Speċifiku tal-Programm Qafas 'Orizzont 2020'.

Il-Programm Euratom jista' jikkontribwixxi għall-Faċilità tad-Dejn u l-Faċilità tal-Ekwità żviluppati taħt il-Programm Qafas 'Orizzont 2020' li se jitwessa sabiex ikopri l-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 3.

5. IFFISSAR TAL-PRIJORITAJIET

Sabiex ikun żgurat li l-azzjonijiet indiretti tal-Programm Euratom jirrinforzaw b'mod reċiproku l-isforzi tar-riċerka tal-Istati Membri u tas-settur privat, il-prijoritajiet tal-programmi ta' ħidma għandhom ikunu stabbiliti abbażi tal-inputs minn awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u partijiet interessati tar-riċerka nukleari miġbura f'korpi jew oqfsa bħall-pjattaformi tat-teknoloġija u forums tekniċi għas-sistemi nukleari u s-sikurezza (SNETP), ġestjoni tal-iskart aħħari (IGDTP) u protezzjoni mir-radjażzjoni/riskju ta' doża baxxa (MELODI), il-Ftehim Ewropew dawr l-Iżvilupp tal-Fużjoni, jew kwalunkwe organizzazzjoni rilevanti jew forum ta' partijiet interessati nukleari.

Il-prijoritajiet għal azzjonijiet diretti għandhom ikunu stabbiliti permezz ta' konsultazzjoni tad-Direttorati Ġenerali tal-politika tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Bord tal-Gvernaturi tal-JRC.

6. KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI MA' PAJJIŻI TERZI U ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka nukleari u l-innovazzjoni, ibbażata fuq miri kondiviżi u fiduċja reċiproka, għandha tkompli, bil-għan li tipprovdi benefiċċji ċari u sinifikanti għall-Unjoni. Bħala kontribuzzjoni għall-kisba tal-oġettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3, il-Komunità għandha tfittex li ttrrinforza l-kompetenza xjentifika u teknika tal-Unjoni permezz tal-ftachimiet internazzjonali ta' kooperazzjoni u li tippromwovi l-aċċess tal-industrija nukleari tal-Unjoni għas-swieq ġodda emerġenti.

L-attivitajiet internazzjonali ta' kooperazzjoni għandhom ikunu promossi permezz ta' oqfsa multilaterali (bħal IAEA, OECD, ITER, GIF) u permezz tal-kooperazzjoni bilaterali eżistenti jew ġdida ma' pajjiżi li għandhom R&Ż b'saħħithom kif ukoll operat ta' bażijiet industrijali u installazzjonijiet tar-riċerka, disinn jew kostruzzjoni.

ANNEX II – INDIKATURI TAL-PRESTAZZJONI

Dan l-Anness jippreżenta għadd limitat ta' indikaturi tal-prestazzjoni għal kull objettiv speċifiku tal-Programm Euratom għal valutazzjoni tar-riżultati u l-impatti.

1. Indikaturi għal azzjonijiet indiretti

- (a) Appoġġ għall-operat sikur tas-sistemi nukleari**
 - Il-perċentwal ta' proġetti ffinanzjati (riċerka konġunta u/jew azzjonijiet koordinati) li għandu il-probabbiltà li jwassal għal titjib li jista' jintwera fil-prattika tas-sikurezza nukleari fl-Ewropa.
- (b) Kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-iskart nukleari aħħari**
 - Għadd ta' repożitorji ġeoloġiċi għall-fjuwil nukleari użat u/jew skart ta' livell għoli li huwa ppjanat fl-Ewropa u li għalih il-Komunità appoġġat it-tħejjija ta' każ ta' sikurezza u l-faġi possibbli ta' qabel il-kostruzzjoni.
- (c) Appoġġ għall-iżvilupp u s-sostenibbiltà tal-kompetenzi nukleari fil-livell tal-Unjoni**
 - Taħriġ permezz tar-riċerka – għadd ta' studenti tad-Dottorat (PhD) jew riċerkaturi ta' wara d-Dottorat (Post-Doc) appoġġati permezz tal-proġetti Euratom tal-fissjoni
 - Għadd ta' imsieħba (fellows) u apprentisti (trainees) fil-programm Euratom tal-fissjoni.
- (d) Trawwim tal-protezzjoni mir-radjazzjoni**
 - Il-perċentwal ta' proġetti ffinanzjati li għandhom il-probabbiltà li jkollhom impatt li jista' jintwera fuq il-prattika regolatorja fir-rigward tal-protezzjoni mir-radjazzjoni.
- (e) Il-mixja lejn id-dimostrazzjoni tal-fattibiltà tal-fużjoni bħala sors ta' enerġija (power) permezz tal-isfruttar tal-faċilitajiet eżistenti u futuri tal-fużjoni**
 - Għadd ta' pubblikazzjonijiet f'għurnali ta' impatt għoli.
- (f) Bini tal-pedamenti għall-impjanti tal-enerġija mill-fużjoni tal-futur permezz tal-iżvilupp ta' materjali, teknoloġiji u disinn kunċettwali**
 - Il-perċentwal tal-passi importanti tal-Pjan Direzzjonali tal-Fużjoni stabbilit għall-perjodu 2014-2018 milħuq mill-Programm Euratom
- (g) Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali**
 - Għadd ta' spin-offs mir-riċerka tal-fużjoni taħt il-Programm Euratom
 - Applikazzjonijiet għall-privattivi ġġenerati mil-laboratorji Ewropej tal-fużjoni

- (h) Żgurar tad-disponibbiltà u l-użu tal-infrastrutturi tar-riċerka ta' rilevanza panEwropea
- Għadd ta' infrastrutturi tar-riċerka appoġġati fil-livell tal-Komunità u riċerkaturi li jużaw infrastrutturi tar-riċerka permezz tal-mobbiltà u appoġġ għall-aċċess.

2. Indikaturi għal azzjonijiet diretti

- (a) Indikatur tal-impatt għall-appoġġ tal-politika tal-JRC
 - Għadd ta' okkorrenzi tal-impatti speċifiċi tanġibbli fuq il-politiki tal-Unjoni li jirriżultaw minn appoġġ tal-politika tekniku u xjentifiku pprovdut mill-JRC.
- (b) Indikatur tal-produttività xjentifika tal-JRC
 - Għadd ta' pubblikazzjonijiet f'analisi *inter pares*

L-indikaturi msemmija fil-punti (a) u (b) jistgħu jkunu rappreżentati skont l-oġettivi ta' azzjonijiet diretti tal-Komunità li ġejjin:

- Titjib tas-sikurezza nukleari inkluż: is-sikurezza tal-fjuwil u r-reattur, il-ġestjoni tal-iskart u d-dekommissjonar; u t-tnejn għal emerġenza;
- Titjib tas-sigurtà nukleari inkluż: is-salvagwardji nukleari, in-nonproliferazzjoni, il-ġlieda kontra t-traffikar illegali u l-forensiċi nukleari;
- Tiżdied l-eċċellenza fil-bażi tax-xjenza nukleari għall-istandardizzazzjoni;
- Trawwim tal-ġestjoni tal-għarfien, l-edukazzjoni u t-taħriġ;
- Appoġġ għall-politika tal-Unjoni dwar is-sikurezza u s-sigurtà nukleari u l-leġislazzjoni relatata tal-Unjoni li qed tevolvi

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. Objettiv(i)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju
- 1.7. Metodu/i tal-ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operattivi*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*
 - 3.2.5. *Parteċipazzjoni ta' parti terza fil-finanzjament*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - 'Orizzont 2020'.

1.2. Qasam/oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB²⁹

- 08 Riċerka u Innovazzjoni
- 10 Ċentru Konġunt għar-Riċerka

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☒ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni ta' thejjija³⁰**

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ridirezzjonata lejn azzjoni ġdida**

1.4. Obiettivi

1.4.1. Objettiv(i) strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Il-Programm Euratom għandu jsaħħaħ il-qafas tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam nukleari u jikkoordina l-isforzi fir-riċerka tal-Istati Membri u b'hekk jevita d-duplikazzjoni, iżomm il-massa kritika f'oqsma ewlenin u jiżgura li l-finanzjament pubbliku qed jintuża bl-aħjar mod. L-oġġettivi tekniċi tal-Programm Euratom għandhom ikunu t-titjib tas-sikurezza, is-sigurtà u l-protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari, u li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni fit-tul tas-sistema tal-enerġija f'mod sikur, effiċjenti u sigur. Dawn l-oġġettivi huma marbuta ma' dawg tal-istrateġiji tal-Ewropa 2020 u Enerġija 2020. Il-programm se jikkontribwixxi għall-inizjattiva ewlenija 'Unjoni tal-Innovazzjoni' billi jappoġġa riċerka nukleari rilevanti għall-politika, prekkummerċjali u trasversali u jiffaċilita l-proċess tat-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija bejn il-qasam akkademiku, l-industrija u l-awtoritajiet pubbliċi. Billi jpoġġi enfasi fuq it-taħriġ fl-attivitajiet kollha tiegħu, jagħti spinta lill-kompetittività fl-industrija nukleari preżenti u joħloq settur ġdid ta' industrija b'teknoloġija avvanzata b'mod partikolari għall-enerġija mill-fużjoni, il-Programm Euratom se jwassal għal tkabbir u impjiegi ġodda f'firxa wiesgħa ta' dixxiplini. Għall-Istrateġija Enerġija 2020, il-Programm Euratom se jindirizza kwistjonijiet dwar is-

²⁹

ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività – ABB: Baġitjar ibbażat fuq l-attività.

³⁰

Kif jissewma fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

sikurezza u s-sigurtà nukleari u se jżomm il-kompetittività teknoloġika tal-Unjoni għal terminu ta' żmien twil.

1.4.2. Obiettiv(i) speċifiku/ċi u l-attività/jiet ABM/ABB konċernata/i għall-azzjonijiet indiretti

Obiettiv speċifiku Nru 1 – Appoġġ għall-operat sikur tas-sistemi nukleari;
Obiettiv speċifiku Nru 2 - Kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-iskart nukleari aħħari;
Obiettiv speċifiku Nru 3 - Appoġġ għall-iżvilupp u sostenibbiltà tal-kompetenzi nukleari fil-livell tal-Unjoni;
Obiettiv speċifiku Nru 4 – Trawwim tal-protezzjoni mir-radjazzjoni
Obiettiv speċifiku Nru 5 - Mixja lejn id-demostrazzjoni tal-fattibiltà tal-fużjoni bħala sors ta' enerġija permezz tal-isfruttar tal-faċilitajiet eżistenti u futuri tal-fużjoni;
Obiettiv speċifiku Nru 6 – Bini tal-pedamenti għall-impjanti tal-enerġija mill-fużjoni tal-futur permezz tal-iżvilupp ta' materjali, teknoloġiji u disinn kunċettwali;
Obiettiv speċifiku Nru 7 - Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali;
Obiettiv speċifiku Nru 8 – Żgurar tad-disponibbiltà u l-użu tal-infrastrutturi tar-riċerka ta' rilevanza panEwropea;
Attività/attivitàjiet tal-ABM/ABB kkonċernati: 08 Riċerka u Innovazzjoni

1.4.3. Obiettiv(i) speċifiku/ċi u l-attività/jiet ABM/ABB konċernata/i għall-Azzjonijiet Diretti tal-JRC

Obiettiv speċifiku Nru 1 – Titjib tas-sikurezza nukleari inkluż is-sikurezza tal-fjuwil u r-reattur, il-ġestjoni tal-iskart u d-dekommissjonar, u t-tħejjija għall-emerġenza
Obiettiv speċifiku Nru 2 – Titjib tas-sigurtà nukleari inkluż: is-salvagwardji nukleari, in-nonproliferazzjoni, il-ġlieda kontra t-traffikar illegali u l-forensiċi nukleari
Obiettiv speċifiku Nru 3 – Żieda fl-eċċellenza fil-bażi tax-xjenza għall-istandardizzazzjoni
Obiettiv speċifiku Nru 4 – Trawwim tal-ġestjoni tal-għarfien, l-edukazzjoni u t-taħriġ
Obiettiv speċifiku Nru 5 - Appoġġ għall-politika tal-Unjoni dwar is-sikurezza u s-sigurtà nukleari u l-leġiżlazzjoni relatata tal-Unjoni li qed tevolve.
Attività/attivitàjiet tal-ABM/ABB kkonċernati: 10 Ċentru Konġunt għar-Riċerka

1.4.4. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi ta' mira.

- 1) L-impatti tal-Programm Euratom huma mistennija fil-valur miżjud tal-Komunità tiegħu għat-titjib tal-isfruttar sikur tal-impjanti tal-enerġija nukleari eżistenti u futuri, li jittieħdu aktar passi sinifikanti lejn l-implimentazzjoni sikura tar-rimi ġeoloġiku ta' skart nukleari ta' livell għoli u b'ħajja twila, u li tiġi żgurata regolamentazzjoni aktar robusta tal-prattiċi industrijali u mediċi li jinvolve l-użu ta' radjazzjoni jonizzanti.
- 2) Il-Programm Euratom se jwassal għal sikurezza nukleari msaħħa permezz ta' riċerka dwar is-salvagwardji nukleari u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ta' verifika u detezzjoni imtejba, fir-rigward tal-materjali nukleari kif ukoll iċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari.

3) Il-Programm Euratom se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi nukleari fl-Unjoni permezz ta' azzjonijiet ta' riċerka, taħriġ u mobbiltà, u aċċess aħjar għal u l-użu ta' faċilitajiet tar-riċerka.

4) Il-Programm Euratom, billi jappoġġa r-riċerka fil-fużjoni, se jiżgura bidu malajr tal-operat tal-ITER, jiżviluppa u jikkwalifika l-materjali għal impjant tal-enerġija ta' dimostrazzjoni, u se jiżviluppa u jagħmel dimostrazzjoni tat-teknoloġiji rilevanti għal impjant tal-enerġija ta' dimostrazzjoni tal-fużjoni. L-attivitajiet tal-programm se jinkludu t-tħejjija ta' disinn(i) kunċettwali ta' impjant tal-enerġija tad-dimostrazzjoni komplut(i) u l-esplorazzjoni tal-potenzjal tal-istellaraturi (stellarators) bħala teknoloġija tal-impjant tal-enerġija.

1.4.5. Indikaturi tar-risultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

It-taqsima li ġejja tispeċifika għadd ta' indikaturi ewlenin għall-oġġettivi speċifiċi tal-Programm Euratom għal valutazzjoni tar-risultati u l-impatti.

Indikaturi għal azzjonijiet indiretti

1) Appoġġ għall-operat sikur tas-sistemi nukleari

Indikatur: Il-perċentwal ta' proġetti ffinanzjati (riċerka konġunta u/jew azzjonijiet koordinati) li għandu il-probabbiltà li jwassal għal titjib li jista' jintwera fil-prattika tas-sikurezza nukleari fl-Ewropa.

Attwalment: 90% (2011); Mira: 100% (2018)

2) Kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-iskart nukleari aħħari;

Indikatur: Għadd ta' repożitorji ġeoloġiċi għall-fjuwil nukleari użat u/jew skart ta' livell għoli li huwa ppjanat fl-Ewropa u li għalih l-Unjoni appoġġat it-tħejjija ta' każ ta' sikurezza u l-fażi possibbli ta' qabel il-kostruzzjoni.

Attwalment: 0 (2011); Mira: 3 (2018),

3) Appoġġ għall-iżvilupp u sostenibbiltà tal-kompetenzi nukleari fil-livell tal-Unjoni;

Indikatur: Taħriġ permezz tar-riċerka – għadd ta' studenti tad-Dottorat (PhD) jew riċerkaturi ta' wara d-Dottorat (Post-Doc) involuti fil-proġetti Euratom tal-fissjoni

Attwalment: madwar 200 (total għall-2007-2011); Mira: 300 (total għall-2014-2018)

Indikatur: Għadd ta' imsieħba (fellows) u apprentisti (trainees) fil-programm tal-fissjoni tal-Euratom.

Attwalment: medja ta' 27 fis-sena (2011); Mira: 40 fis-sena (2018)

4) Trawwim tal-protezzjoni mir-radjazzjoni

Indikatur: Il-perċentwal ta' proġetti ffinanzjati li għandhom il-probabbiltà li jkollhom impatt li jista' jintwera fuq il-prattika regolatorja fir-rigward tal-protezzjoni mir-radjazzjoni.

Attwalment: 90% (2011); Mira: 100% (2018)

5) Il-mixja lejn dimostrazzjoni tal-fattibiltà tal-fużjoni bħala sors ta' enerġija (power) permezz tal-isfruttar tal-faċilitajiet eżistenti u futuri tal-fużjoni

Indikatur: Għadd ta' pubblikazzjonijiet f'għurnali ta' impatt għoli

Attwalment: madwar 800 (2010); Mira: Jinżammu l-livelli attwali (2018).

Deskrizzjoni tal-indikatur: Sors tad-dejta – Bażi tad-dejta Scopus. Jekk jogħġbok hu nota li minħabba li l-enfasi tal-programm tal-fużjoni tal-Euratom qed tinbidel minn riċerka għall-iżvilupp tat-teknoloġija, dan l-indikatur jista' jkun aktar baxx fil-futur. L-indikatur jikkonċerna artikli fejn tal-anqas wieħed mill-awturi li qed jagħtu kontribuzzjoni ikun mil-laboratorji tal-fużjoni Ewropea li qed jipparteċipa fil-Programm Euratom. Huwa kkalkulat abbażi ta' 5 għurnali internazzjonali f'analiżi inter pares: Fużjoni Nukleari, Fiżika tal-Plażma u Fużjoni Kontrollata, Inġinerija tal-Fużjoni u d-Disinn, Xjenza u Teknoloġija tal-Fużjoni, Għurnal tal-Enerġija mill-Fużjoni.

6) Bini tal-pedamenti għall-impjanti tal-enerġija mill-fużjoni tal-futur permezz tal-iżvilupp tal-materjali, it-teknoloġiji u d-disinn kunċettwali;

Indikatur: Il-perċentwal tal-passi importanti tal-Pjan Direzzjonali tal-Fużjoni stabbilit għall-perjodu 2014-2018 milħuq mill-Programm Euratom;

Attwalment: indikatur għdid, 0 %

Mira: 90 %, inkluż Rapport dwar l-attivitajiet tad-Disinn Kunċettwali tal-Impjant tal-Enerġija mill-Fużjoni (2018);

Deskrizzjoni tal-indikatur: indikatur għdid li se jkun ibbażat fuq il-pjan direzzjonali għall-programm tal-fużjoni li għandu jiġi żviluppat qabel l-2014.

7) Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali

Indikatur: Għadd ta' spin-offs mir-riċerka tal-fużjoni taħt il-Programm Euratom

Attwalment: 33 % tal-kuntratti rriżultaw fi spinoffs (2011); Mira: 50% (2018)

Deskrizzjoni tal-indikatur: prodotti ġodda jew servizzi żviluppati minn kumpaniji involuti fir-riċerka tal-fużjoni.

Indikatur: Applikazzjonijiet għall-privattivi ġġenerati mil-laboratorji Ewropej tal-fużjoni

Attwalment: 2-3 privattivi ġodda fis-sena (2011); Mira: madwar 4-5 privattivi ġodda fis-sena (2018);

8) Żgurar tad-disponibbiltà u l-użu tal-infrastrutturi tar-riċerka ta' rilevanza panEwropea;

Indikatur: Għadd ta' infrastrutturi tar-riċerka appoġġati fil-livell tal-Komunità u riċerkaturi li jużaw infrastrutturi tar-riċerka permezz tal-mobbiltà u appoġġ għall-aċċess.

Attwalment: madwar 800 (2008), Mira: 1200 (2018);

Deskrizzjoni tal-indikatur: skema tal-mobbiltà taħt il-programm tal-fużjoni tappoġġa żjarat qosra minn xjenzati Ewropej fil-faċilitajiet tal-fużjoni bħal JET.

Indikaturi għal azzjonijiet diretti

1) Indikatur tal-impatt għall-appoġġ tal-politika tal-JRC

Għadd ta' okkorrenzi tal-impatti speċifiċi tanġibbli fuq il-politiki tal-Unjoni li jirriżultaw minn appoġġ tal-politika tekniku u xjentifiku pprovdut mill-JRC.

Attwalment: 39 (2010), Mira: 45 (2018)

2) Indikatur tal-produttività xjentifika tal-JRC

Għadd ta' pubblikazzjonijiet f'analiżi *inter pares*

Attwalment: 190 (2010), Mira: 210 (2018)

L-indikaturi msemija fil-punti (1) u (2) hawn fuq jistgħu jkunu rappreżentati skont l-oġettivi ta' azzjonijiet diretti tal-Komunità li ġejjin:

- Titjib tas-sikurezza nukleari inkluż: is-sikurezza tal-fjuwil u r-reattur, il-ġestjoni tal-iskart u d-dekommissjonar; u t-tnejn għal emerġenza;
- Titjib tas-sigurtà nukleari inkluż: is-salvagwardji nukleari, in-nonproliferazzjoni, il-ġlieda kontra t-traffikar illegali u l-forensiċi nukleari;
- Tiżdied l-eċċellenza fil-bażi tax-xjenza nukleari għall-istandardizzazzjoni;
- Trawwim tal-ġestjoni tal-għarfien, l-edukazzjoni u t-taħriġ;
- Appoġġ għall-politika tal-Unjoni dwar is-sikurezza u s-sigurtà nukleari u l-leġiżlazzjoni relatata tal-Unjoni li qed tevolvi

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/u sodisfatti fit-terminu ta' żmien qasir jew twil*

It-terremot f'Marzu 2011 fil-Ġappun u l-avvenimenti li segwew fl-impjant tal-enerġija nukleari Fukushima Daiichi huma tfakkira iebes li l-fissjoni nukleari, għalkemm sors affidabbli ta' elettriċità ta' tagħbija bażi ta' karbonju baxx, tirrikjedi sforzi kontinwi fil-qas tas-sikurezza u t-tnejn għal emerġenza. L-isfidi ewlenin fir-rigward tat-teknoloġija nukleari attwali sabiex tkompli tikkontribwixxi għall-kompetittività, is-sigurtà tal-provvista u d-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija Ewropej huma l-iżgurar ta' livelli għolja kontinwi ta' sikurezza, li jiġu żviluppati soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-iskart aħħari u ż-żamma tal-ħiliet nukleari. Tal-istess importanza hija l-ħtieġa li tkun żgurata sistema robusta ta' protezzjoni mir-radjazzjoni fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jitqisu l-benefiċċji tal-użi tar-radjazzjoni fil-mediċina u l-industrija. B'kunsiderazzjoni tat-tħassib dejjem jikber dwar ir-riskju tan-nonproliferazzjoni u t-theddida tat-terroriżmu nukleari hemm bżonn ukoll li jiġu żviluppati salvagwardji sabiex tkun assicurata s-sigurtà nukleari fl-Ewropa u madwar id-dinja.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni*

Hemm każ ċar għal intervent tal-Komunità sabiex tindirizza l-isfida tas-sikurezza nukleari u l-ħiliet nukleari li qed jonqsu fl-Ewropa. Is-swieq ukoll mhux se jaċċettaw il-programm tar-R&Ż ta' riskju għoli u fuq terminu ta' żmien twil fil-fużjoni tal-enerġija. Hemm evidenza konvinċenti li Stati Membri li jaġixxu waħedhom mhux se jkunu jistgħu jlaħħqu mal-intervent pubbliku meħtieġ. L-investment tagħhom fir-riċerka u l-innovazzjoni huwa pjuttost baxx u jbagħti minn frammentazzjoni. Huwa improbabli li l-Istati Membri waħedhom se jkunu kapaċi jindirizzaw il-problemi ta' nuqqas ta' koordinazzjoni transnazzjonali. L-Euratom tinsab f'pożizzjoni tajba biex tipprovdi valur miżjud permezz tal-isfruttar ta' sinerġiji bejn l-isforzi tar-riċerka ta' Stati Membri u s-settur privat, u bejn id-dixxiplini xjentifiċi u s-setturi teknoloġiċi. Intervent fil-livell tal-Komunità għandu jsaħħaħ il-qafas tar-riċerka u l-innovazzjoni fit-teknoloġiji nukleari u jikkordina l-isforzi tar-riċerka tal-Istati Membri u b'hekk jevita d-duplikazzjoni, iżomm il-massa kritika f'oqsma ewlenin u jiżgura li l-finanzjament pubbliku qed jintuża bl-aħjar mod. Il-programm Euratom jista' wkoll jkun responsabbli għall-programm ta' riskju għoli u fuq terminu ta' żmien twil tar-R&Ż fl-enerġija mill-fużjoni, u b'hekk jikkondividi r-riskju u jiġġenera firxa ta' ambitu u ekonomiji ta' skala li ma jistgħux jinkisbu mod ieħor. L-

azzjonijiet diretti taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka ('JRC') jipprovdu valur miżjud minħabba d-dimensjoni Ewropea unika tagħhom. Dawn il-benefiċċji jvarjaw minn rispons għall-ħtieġa tal-Kummissjoni li jkollha aċċess intern għal evidenza xjentifika indipendenti mill-interessi nazzjonali u privati għall-benefiċċji diretti għaċ-ċittadini tal-Unjoni permezz ta' kontribuzzjonijiet għal politiki li jwasslu għal kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali mtejba.

1.5.3. *Tagħlim miksub minn esperjenzi simili fil-passat*

Il-programm Euratom jibni fuq l-esperjenza akkumulati minn Programmi Qafas tal-Euratom tal-passat. Matul perjodu mifruq fuq diversi deċeni, il-Programmi Euratom:

- irexxielhom jinvolvu l-aħjar riċerkaturi u istituti tal-Ewropa fil-qasam nukleari;
- taw kontribuzzjoni kbira għall-bażi tal-għarfien Ewropea fil-qasam nukleari u kellhom impatt importanti fuq in-netwerking u l-kooperazzjoni, b'effett ta' ristrutturar sinifikanti fuq ir-riċerka nukleari Ewropea.

Fl-imkien ma' dawn is-suċċessi hemm tagħlim importanti mill-passat:

- Ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni għandhom jiġu indirizzati f'manjiera aktar koordinata;
- Ir-riżultati tar-riċerka jiġu disseminati u valurizzati aħjar fi prodotti, proċessi u servizzi ġodda;
- Il-loġika tal-intervent għandha tkun iktar iffukata, konkreta, dettaljata u trasparenti;
- Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni jeħtieġ li jissaħħu.

Ir-rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet diretti fir-rapporti ta' evalwazzjoni riċenti jinnotaw li l-JRC jista'

- jippromwovi integrazzjoni msaħħa fil-produzzjoni tal-għarfien fl-Unjoni;
- jintroduċi analiżi tal-impatt u studji tal-benefiċċju tal-ispiża ta' xogħol speċifiku bħala parti mill-programm il-ġdid tal-JRC;
- itejjeb il-kooperazzjoni mal-industrija sabiex isaħħaħ l-effetti għall-benefiċċju tal-kompetittività tal-ekonomija Ewropea.

1.5.4. *Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra rilevanti*

Il-Programm Euratom (2014-2018) għandu jikkontribwixxi għall-oġettivi elenkati fil-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 'Orizzont 2020' (2014-2020). Minħabba f'hekk, se jiġu stabbiliti ħoloq u interfaċċi li jixirqu permezz ta' azzjonijiet trasversali bejn il-Programm Euratom u l-Programm Qafas 'Orizzont 2020'.

1.6. **Tul ta' żmien u impatt finanzjarju**

☒ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

- ☒ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2018
- ☒ Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2026
- ☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien bla limitu**
- Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operat fuq skala sħiħa.

1.7. **Mod(i) ta' ġestjoni previst(i)**³¹

- ☒ **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni
- ☒ **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** bid-delegazzjoni tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:
 - ☒ aġenziji eżekuttivi
 - ☒ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet³²
 - ☒ korpi tas-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku
 - ☐ persuni inkarigati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju
- ☒ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri (kull fejn jixraq)
- ☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi
- ☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (*li għandhom jiġu speċifikati*)

Jekk jiġi indikat iżjed minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji fit-taqsimi tal-'Kummenti'.

Kummenti

Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tuża diversi modi ta' ġestjoni biex timplimenta il-bini ta' din l-attività fuq il-modi ta' ġestjoni użati taħt il-perspettivi finanzjarji kurrenti. Il-ġestjoni se ssir permezz ta' servizzi tal-Kummissjoni u permezz ta' Aġenziji Eżekuttivi eżistenti tal-Kummissjoni li jġeddu u jestendu l-mandati tagħhom f' manjiera bilanċata.

Hija mbassra l-esternalizzazzjoni ta' aktar attivitajiet tal-Programm Euratom, b'mod partikolari permezz ta' għajnuna mill-aġenziji eżistenti, għaliex hija kompatibbli maż-żamma tal-kompetenzi tal-politika ċentrali fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni. Il-mezzi ta' esternalizzazzjoni miżmuma għall-implimentazzjoni ta' dawn l-attivitajiet se jintgħażlu abbażi tal-effettività u l-effiċjenza ppruvati tagħhom. Fl-istess ħin, il-persunal assenjat lill-Aġenziji Eżekuttivi tal-Kummissjoni se jkolli jżied il-proporzjon tal-parti tal-baġit li

³¹ Dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinkisbu minn fuq is-sit elettroniku tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

³² Kif jissemma fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

tikkorispondi mal-attivitajiet esternalizzati u jqies l-impenn fuq fuq d-disponibbiltà tal-persunal li sar mill-Kummissjoni (Baġit għall-Ewropa 2020 COM (2011) 500).

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

Simplifikazzjoni

Il-Programm Euratom irid jattira l-aktar riċerkaturi eċċellenti u l-aktar impriżi Ewropej innovattivi. Dan jista' jintlaħaq biss bi programm bl-inqas piż amministrattiv possibbli għall-parteċipanti u permezz tal-kundizzjonijiet tal-finanzjament li jixirqu. Is-simplifikazzjoni tal-Programm Euratom hija parti mill-proċess usa' ta' simplifikazzjoni propost fl-'Orizzont 2020'. Bħal ma huwa l-każ fl-'Orizzont 2020', is-simplifikazzjoni tal-Programm Euratom tkun għalhekk qed timmira tliet għanijiet ġenerali: li jonqsu l-ispejjeż amministrattivi tal-parteċipanti; li jitħaffef il-proċess tal-proposta u l-ġestjoni tal-għotja u li tonqos ir-rata tal-iżball finanzjarju.

Is-simplifikazzjoni fil-Programm Euratom se tinkiseb minn diversi dimensjonijiet.

1) Simplifikazzjoni strutturali: Ir-regoli tal-'Orizzont 2020' se jintużaw ukoll għall-Programm Euratom.

2) Simplifikazzjoni kbira tar-regoli ta' finanzjament se tiffaċilita t-tnejn tal-proposti u l-ġestjoni tal-proġetti. Fl-istess ħin, dawn se jnaqqsu l-għadd ta' żbalji finanzjarji. Qed jiġi propost l-approċċ li ġej:

Mudell prinċipali tal-finanzjament għall-għotjiet:

- Rimborż simplifikat tal-ispejjeż reali diretti, b'aċċettazzjoni usa' tal-kontabbiltà li normalment jużaw il-benefiċjarji, inkluż l-eliġibbiltà ta' ċerti taxxi u imposti;
- Il-possibbiltà li jintużaw unitajiet tal-ispejjeż tal-persunal (medja tal-ispejjeż tal-persunal) għal benefiċjarji li normalment jużaw dan il-metodu ta' kontabbiltà, u għas-sidien tal-SMEs mingħajr salarju;
- Simplifikazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-ħin billi jiġi pprovdut sett ċar u sempliċi tal-kundizzjonijiet minimi, b'mod partikolari l-abolizzjoni tal-obbligi tar-reġistrazzjoni tal-ħin għall-persunal li jaħdem esklussivament fuq proġett tal-Unjoni;
- Rata unika ta' rimborż għall-parteċipanti kollha minflok 3 rati differenti skont it-tip ta' parteċipant;
- Rata fissa unika li tkopri l-ispejjeż indiretti, minflok 4 metodi biex jiġu kkalkulati l-ispejjeż indiretti, bħala regola ġenerali;
- Finanzjament ibbażat fuq l-output, b'somom f'daqqa għal proġetti sħaħ f'oqsma speċifiċi qrib tal-applikazzjoni.

3) Strateġija tal-kontroll riveduta, kif deskritt fit-taqsim 2.2.2, bl-ilħuq ta' bilanċ ġdid bejn il-fiduċja u l-kontroll se tkompli tnaqqas il-piż amministrattiv għall-parteċipanti.

Lil hinn mir-regoli u kontrolli aktar sempliċi, **il-proċeduri u l-proċessi kollha għall-implimentazzjoni ta' proġett se jkunu razzjonalizzati**. Dan jinkludi d-dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-kontenut u l-forma tal-proposti, il-proċessi biex il-proposti jsiru proġetti, ir-rekwiżiti tar-rapportar u l-monitoraġġ, kif ukoll id-dokumenti relatati dwar il-gwida u s-

servizzi tal-appoġġ. Kontribuzzjoni kbira biex jonqsu l-ispejjeż amministrattivi għall-parteċipazzjoni se tiġi minn pjattaforma unika tal-IT faċli għall-utent, ibbażata fuq il-Portal tal-Parteċipant tas-Seba' Programm Kwadru tal-Unjoni għar-R&Ż (2007-2013) (FP7).

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar

Se tiġi żviluppata sistema ġdida għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ ta' azzjonijiet indiretti tal-Programm Euratom. Se tkun ibbażata fuq strateġija komprensiva, fil-ħin u armonizzata, b'fokus b'saħħtu fuq il-volum (throughput), l-output, ir-riżultati u l-impatti. Se tkun appoġġata minn arkivju tad-dejta adattat, esperti, attività dedikata tar-riċerka, u iżjed kooperazzjoni minn Stati Membri u Stati Assoċjati, u se tkun valurizzata permezz tad-disseminazzjoni u r-rapportar li jixirqu. Għall-azzjonijiet diretti, il-JRC se jkompli jtejjeb il-monitoraġġ tiegħu billi jkompli jaġġusta l-indikaturi tiegħu li jkejlu l-output u l-impatt.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

Ġie adottat limitu tal-iżball ta' 2 % bħala indikatur mexxej fil-qasam tal-legalità u regolarità li jikkonċernaw il-qasam tar-riċerka. Madankollu, dan ikkawża għadd ta' reazzjonijiet (side-effects) mhux mistennija u mhux mixtieqa. Kien hemm sensazzjoni qawwija, fost il-benefiċjarji kif ukoll l-awtorità leġislattiva, li l-piż tal-kontroll kiber wisq. B'hekk qiegħed fir-riskju li jnaqqas l-attrattività tal-programmi ta' riċerka tal-Unjoni inkluż il-Programm Euratom, u b'riżultat ta' dan jeffettwa b'mod negattiv ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni.

Il-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011 ikkonkluda li *'huwa kruċjali li l-istrumenti tal-UE immirati li jrawmu r-R&Ż&I jiġu ssimplifikati sabiex jiffaċilitaw t-tnedija tagħhom mill-aħjar xjenzati u l-iżjed kumpaniji innovattivi, b'mod partikolari billi jkun hemm ftehim bejn l-istituzzjonijiet rilevanti dwar bilanċ ġdid bejn il-fiduċja u l-kontroll u bejn it-teħid u l-evitar tar-riskju'* (ara EUCO 2/1/11 REV1, Brussell 8 ta' Marzu 2011).

Il-Parlament Ewropew, fir-Reżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 (P7_TA(2010)0401) dwar is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas ta' Riċerka espliċitament jappoġġa riskju oġġetiv ta' żbalji għall-finanzjament tar-riċerka u *"jesprimi t-tħassib tiegħu li s-sistema attwali u l-prattika tal-ġestjoni tal-FP7 huma orjentati lejn il-kontroll b'mod eċċessiv, u b'hekk iwasslu għal ħela ta' riżorsi, inqas parteċipazzjoni u xenarji inqas attraenti tar-riċerka; jinnota bi tħassib li s-sistema attwali ta' ġestjoni ta' 'tolleranza żero tar-riskju' tidher li tevita, aktar milli tiġġestixxi, r-riskji"*.

Iż-żieda radikali fl-għadd ta' verifiki u l-estrapolazzjoni sussegwenti tar-riżultati pprovokat ukoll mewġa ta' ilmenti mid-dinja tar-riċerka (eż. l-inizjattiva Trust Researchers³³, li s'issa għandha iktar minn 13,800 firma).

Għalhekk hemm bżonn ta' aċċettazzjoni fost il-partijiet interessati u l-Istituzzjonijiet li l-approċċ attwali jeħtieġ li jiġi rivedut. Jeżistu objettivi u interessi oħrajn, speċjalment is-suċċess tal-politika tar-Riċerka, il-kompetittività internazzjonali u l-eċċellenza xjentifika, li għandhom jitqisu wkoll. Fl-istess ħin, hemm ħtieġa ċara biex jiġi ġestit il-baġit f'manjiera effiċjenti u effettiva, u li jkun hemm prevenzjoni mill-frodi u l-ħela. Dawn huma sfidi komuni għall-'Orizzont 2020' u l-Programm Euratom.

33

<http://www.trust-researchers.eu/>

L-ilħuq ta' rata ta' żball residwu ta' anqas minn 2 % tan-nefqa totali matul ħajja ta' programm jibqa dejjem l-objettiv aħħari tal-Kummissjoni, u għal dan il-għan, introduċiet għadd ta' miżuri ta' simplifikazzjoni. Madankollu, objettivi oħrajn bħall-attributività u s-suċċess tal-politika tar-riċerka tal-Unjoni, il-kompetittività internazzjonali, l-eċċellenza xjentifika u b'mod partikolari l-ispejjeż tal-kontrolli (ara l-punt 2.2.2) jridu jitqisu.

Filwaqt li jitqisu dawn l-elementi f'bilanċ, qed jiġi propost li d-Direttorati Ġenerali inkarigati bl-implimentazzjoni tal-baġit tal-innovazzjoni u r-riċerka se jistabbilixxu sistema interna ta' kontroll kost effettiva li se tagħti assigurazzjoni raġonevoli li r-riskju tal-iżball matul il-perjodu tan-nefqa multiannwali huwa, fuq bażi annwali, fil-medda ta' 2-5 %; bl-għan aħħari li jikseb livell residwu tal-iżball kemm jista' jkun viċin ta' 2 % fl-egħluq tal-programmi multiannwali, ladarba l-impatt finanzjarju tal-verifiki kollha, il-koorezzjonijiet u l-miżuri ta' rkupru jkunu tqisu.

2.2.1. Qafas tal-kontroll intern

Il-qafas tal-kontroll intern għall-ġotjiet huwa mibni fuq:

- L-implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern tal-Kummissjoni;
- Il-proċeduri għall-għażla tal-aħjar proġetti u l-ħidma fuqhom biex isiru strumenti legali;
- Ġestjoni tal-proġett u l-kuntratt matul il-ħajja ta' kull proġett;
- Kontrolli *ex-ante* fuq 100 % tat-talbiet, inkluż t-twassil ta' ċertifikati tal-verifika u ċertifikazzjoni *ex-ante* tal-metodoloġiji tal-ispejjeż;
- Verifika *ex-post* fuq kampjun ta' talbiet; u
- Evalwazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-proġetti.

Għal azzjonijiet diretti, iċ-ċirkwiti finanzjarji jinkludu kontrolli *ex-ante* għall-akkwist u l-kontrolli *ex-post*. Ir-riskji huma vvalutati annwalment u l-progress fl-eżekuzzjoni tax-xogħol u l-konsum tar-riżorsi jiġi mmonitorjat regolarment, abbażi ta' objettivi u indikaturi definiti.

2.2.2. Spejjeż u benefiċċji tal-kontrolli

L-ispiża tas-sistema interna tal-kontroll għad-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mill-implimentazzjoni tal-baġit tar-riċerka u l-innovazzjoni (inkluż Euratom) hija stmata għal EUR 267 miljun fis-sena (abbażi tal-eżerċizzju tar-Risjku Tollerabbli tal-Iżball fl-2009). Din ukoll wasslet għal piż konsiderevoli fuq il-benefiċjarji u s-servizzi tal-Kummissjoni. Kien hemm sensazzjoni qawwija, fost il-benefiċjarji kif ukoll l-awtorità leġislattiva, li l-piż tal-kontroll kiber wisq. B'hekk qiegħed fir-riskju li jnaqqas l-attributività tal-programm ta' Riċerka tal-Unjoni, u b'riżultat ta' dan jeffettwa b'mod negattiv ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni.

43 % tal-ispejjeż totali tal-kontroll tas-servizzi tal-Kummissjoni (li ma jinkludux l-ispejjeż tal-benefiċjarju) jiġġarbu fl-istadju tal-ġestjoni tal-proġett, 18 % fuq l-għażla tal-proposti, u 16 % fuq in-negozjar tal-kuntratti (16 %). Il-verifiki *ex-post* u l-implimentazzjoni tagħhom li rriżultat ammontaw għal 23 % (EUR 61 miljun) tat-total.

Madankollu, dan l-isforz konsiderevoli tal-kontroll ma rnexxilux jikseb l-objettiv tiegħu kompletament. Ir-rata ta' żball "residwu" stmata għall-FP6, wara li tqisu l-irkupri kollha u l-korrezzjonijiet li saru jew li se jiġu implimentati, tibqa aktar minn 2 %. Ir-rata attwali ta' żball mill-verifiki tal-FP7 li twettqet mid-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni hija madwar 5 %, u għalkemm din se titnaqqas minħabba l-effetti tal-verifiki, u hija sa ċertu punt preġudikata għaliex hija konċentrata fuq benefiċjarji li ma gēwx verifikati qabel, hija improbabbli li tintlaħaq ir-rata ta' żball residwu ta' 2 %. Ir-rata tal-iżball identifikata mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tinsab f' medda simili.

2.2.3. *Livell mistenni ta' riskju ta' nuqqas ta' konformità*

Il-punt tal-bidu huwa status quo, ibbażat fuq verifiki mwettqa s'issa fuq l-FP7. Din ir-rata preliminarja tal-iżball rappreżentattiva hija viċin l-5 % (għad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni). Il-maġġoranza tal-iżbalji individwati jirriżultaw minħabba s-sistema preżenti ta' finanzjament tar-riċerka li hija bbażata fuq rimborż tal-ispejjeż attwali tal-proġett ta' riċerka dikjarati mill-parteċipant. Dan iwassal għal kumplessità konsiderevoli fir-rigward tal-valutazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli.

Analiżi dwar ir-rati tal-iżball li twettqet għall-verifiki tal-FP7 li s'issa twettqu fid-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni turi li:

- Madwar 27 % bħala għadd, u 35 % bħala ammont, jirrigwardaw żbalji fuq l-ispejjeż tal-persunal. Problemi regolari identifikati huma l-imposta ta' spejjeż medji jew ibbaġitjati (minflok spejjeż attwali), nuqqas ta' żamma ta' records adegwati tal-ħin mgħoddi fuq il-programm, u imposta fuq affarijiet ineliġibbli.

- Madwar 40 % bħala għadd, u 37 % bħala valur, jirrigwardaw żbalji oħra diretti (mhux tal-persunal). Żbalji regolari identifikati huma l-inklużjoni tal-VAT, nuqqas ta' rabta ċara mal-proġett, nuqqas ta' forniment ta' riċevuti jew prova ta' pagament u kalkolu skorett ta' deprezzament bl-imposta tal-ispiża sħiħa tat-tagħmir minflok l-ammont deprezzat, sottokuttrattar mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, jew mingħajr rispett lejn ir-regoli tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża (value for money), eċċ.

- Madwar 33 % bħala għadd, u 28 % bħala ammont, jirrigwardaw żbalji fi spejjeż indiretti. L-istess riskji japplikaw bħall-ispejjeż għall-persunal, bir-riskju addizzjonali ta' allokkazzjoni skoretta jew mhux ġusta tal-ispejjeż ġenerali għall-proġetti.

F'għadd ta' każijiet l-ispejjeż indiretti huma perċentwal b'rata fissa tal-ispejjeż diretti, u għalhekk l-iżball fl-ispejjeż indiretti huwa proporzjonat mal-iżball tal-ispejjeż diretti.

'Orizzont 2020' u l-Programm Euratom jintroduċu għadd sinifikanti ta' miżuri ta' simplifikazzjoni importanti (ara l-punt 2 hawn fuq) li se jnaqqsu r-rata tal-iżball fil-kategoriji tal-iżball kollha. Madankollu, il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-istituzzjonijiet dwar aktar simplifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tal-Orizzont 2020, jindikaw b'mod ċar li l-kontinwazzjoni ta' mudell tal-finanzjament ibbażat fuq ir-rimborż tal-ispejjeż attwali hija l-għażla ffavorita. Ir-rikorrenza sistematika għal finanzjament ibbażat fuq l-output, rati fissi jew somom f'daqqa tidher prematura f'dan l-istadju għaliex sistema bħal din għadha ma ġietx ittestjata fi programmi preċedenti. Iż-żamma ta' sistema bbażata fuq ir-rimborż tal-ispejjeż attwali madankollu tfisser li l-iżbalji se jibqgħu jsiru.

Analiżi tal-iżbalji identifikati matul il-verifiki tal-FP7 tissuġġerixxi li madwar 25-35 % minnhom jistgħu jkunu evitati bil-miżuri simplifikati proposti. Ir-rata tal-iżball tista'

mbagħad tiġi mistennija li tonqos b'1.5 % jiġifieri minn kważi 5 % għal madwar 3.5%, ċifra li tissemma fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni biex jinsab l-aħjar bilanċ bejn l-ispejjeż amministrattivi tal-kontroll u r-riskju tal-iżball.

Il-Kummissjoni tikkunsidra għalhekk li, għan-nefqa tar-riċerka taħt il-Programm Euratom, rata tal-iżball, fuq bażi annwali, fil-medda ta' bejn 2-5% hija objettiv realistiku li jqis l-ispejjeż tal-kontrolli, il-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti biex tonqos il-kumplessità tar-regoli u r-riskju inerenti relatat mal-ispejjeż għar-rimborżi tal-proġett tar-riċerka. L-għan aħħari għal-livell residwu tal-iżball fl-egħluq tal-programmi wara l-impatt finanzjarju tal-verifiki, il-koorezzjonijiet u l-miżuri ta' rkupru kollha jkunu tqisu sabiex jinkiseb livell tal-egħluq kemm jista' jkun viċin ta' 2 %.

L-istrateġija tal-verifika ex-post għan-nefqa taħt Orizzont 2020 u l-Programm Euratom tqis din il-mira. Din se tkun ibbażata fuq verifika finanzjarja ta' kampjun rappreżentattiv uniku tan-nefqa fil-programm kollu, ikkumplimentata minn kampjun miġbur abbażi tal-konsiderazzjonijiet tar-riskju.

L-għadd kumplessiv tal-verifiki ex-post se jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju għall-ilħuq ta' din il-mira u l-istrateġija. Bħala gwida, il-Kummissjoni tikkunsidra li massimu ta' 7 % tal-parteċipanti fl-Orizzont 2020 u l-Programm Euratom se jkunu suġġetti għal verifika matul il-perjodu kollu ta' programmar. L-esperjenza tal-passat turi li n-nefqa suġġetta għal verifika tkun konsiderevolment ogħla, u għandu jkun mistenni minimu ta' 40 % kopertura.

L-istrateġija tal-verifika ex-post fir-rigward tal-legalità u r-regolarità se jkunu kkumplimentati minn evalwazzjoni xjentifika rinforzata u l-istrateġija ta' kontra l-frodi (ara l-punt 2.3 hawn isfel).

Dan ix-xenarju huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li l-miżuri ta' simplifikazzjoni ma humiex suġġetti għal modifiki sostanzjali fil-proċess tat-tehd tad-deċiżjonijiet.

Nota: din it-taqsimha tikkonċerna biss il-proċess tal-ġestjoni tal-għotja, il-limitu ta' 2 % se japplika bħala riskju tollerabbli tal-iżball għan-nefqa amministrattiva u operattiva implimentata permezz tal-proċessi tal-akkwist pubbliku.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Id-Direttorati Ġenerali inkarigati mill-implimentazzjoni tal-baġit tar-riċerka u l-innovazzjoni huma determinati li jiġġieldu l-frodi fl-istadji kollha fil-ġestjoni tal-proċess tal-għotja. Dawn żviluppaw, u qed jimplimentaw, strateġiji ta' kontra l-frodi, inkluż użu mtejjeb tal-intelliġenza, speċjalment bl-użu ta' għodod tal-IT avvanzati, u taħriġ u informazzjoni għall-persunal. Ġew żviluppati sanzjonijiet biex jipprovdu deterrenti kontra l-frodi, kif ukoll penali adattati jekk jiġu identifikati. Dawn l-isforzi se jkomplu. Il-proposti għal Orizzont 2020 u l-Programm Euratom ġew suġġetti għal protezzjoni kontra l-frodi u valutazzjoni tal-impatt tagħhom. B'mod ġenerali, il-miżuri proposti għandu jkollhom impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi, speċjalment l-enfasi ikbar fuq il-verifika bbażata fuq ir-riskju u l-evalwazzjoni u kontroll xjentifiċi rinforzati.

Wieħed għandu jinnota li l-frodi individwata kienet baxxa ħafna meta mqabbla mal-proporzjoni tan-nefqa totali, madankollu d-Direttorati Ġenerali inkarigati bl-implimentazzjoni tal-baġit tar-riċerka xorta waħda huma impenjati li jiġġildulha.

Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri li jixirqu li, meta jiġu implimentati azzjonijiet finanzjati taħt dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jiġu individwati l-irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa b'mod skorrett u, fejn jixraq, b'pieni effettivi, proporzjonati u deterrenti.

Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' verifika, abbażi ta' dokumenti u fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotja, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li rċevew fondi tal-Unjoni taħt il-Programm.

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi konċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 bil-ħsieb li jstabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività oħra illegali li tteffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konnessjoni ma' ftehim tal-għotja jew deċiżjoni tal-għotja jew kuntratt li jikkonċerna l-fondi tal-Unjoni.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi t'hawn fuq, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali u ftehimiet tal-għotja u deċiżjonijiet tal-għotja u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF biex iwettqu verifiki, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

- Intestaturi tal-baġit tan-nefqa eżistenti

Fl-ordni ta' intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-intestaturi tal-baġit.

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Intestatura tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni.....]	AD/AM D (34)	minn pajjiżi tal- EFTA ³⁵	minn pajjiżi kandidati ³⁶	minn pajjiżi terzi	fi ħdan it-tifsira tal- Artikolu 18(1)(aa) tar- Regolament Finanzjarju
1		AD	LE	IVA/LE*	IVA	IVA

³⁴ AD = Approprijazzjonijiet differenzjati / AMD – Approprijazzjonijiet mhux differenzjati

³⁵ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

³⁶ Pajjiżi kandidati, u fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

• Intestaturi tal-baġit ġodda mitlubin

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Intestatura tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru Intestatura	Diff./mhux diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	Minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
1	08 01 Riċerka dwar in-nefqa amministrattiva 08 01 05 01 Nefqa relatata mal-Persunal tar-Riċerka 08 01 05 02 Persunal estern għar-Riċerka 08 01 05 03 Nefqa amministrattiva oħra għar-Riċerka 10 01 Nefqa tal-qasam tal-politika tar-Riċerka Diretta 10 01 05 Nefqa ta' appoġġ għall-operazzjonijiet tal-qasam tal-politika tar-Riċerka Diretta 10 01 05 01 Nefqa relatata mal-Persunal tar-Riċerka 10 01 05 02 Persunal estern għar-Riċerka 10 01 05 03 Nefqa amministrattiva oħra għar-Riċerka 10 01 05 04 Infrastrutturi tar-Riċerka 08 03 02 01Enerġija mill-Fużjoni tal-Euratom 08 03 02 02 Fissjoni Nukleari u Protezzjoni mir-Radjazzjoni tal-Euratom 08 04 01 Approprjazzjonijiet akkumulati minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku 10 03 Approprjazzjonijiet operattivi tar-Riċerka ffinanzjati direttament	Mhux Diff.	LE	IVA/LE*	IVA	LE

	– Euratom 10 03 01 Azzjoni nukleari taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC) 10 03 02 Appropriazzjonijiet akkumulati minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi					
--	--	--	--	--	--	--

* Id-diskussjonijiet mat-Turkija relatati mal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni fil-qasam tar-Riċerka Nukleari huma kontinwi

Il-JRC jitlob **intestatura tal-baġit ġdida għall-investimenti tal-infrastruttura**. Ħafna mill-faċilitajiet tal-JRC huma mis-snin sittin (60s) u sebgħin (70s) u ma għadhomx mill-aqwa. B'konsegwenza ta' dan, huma meħtieġa faċilitajiet ġodda u l-aġġornament ta' infrastrutturi eżistenti biex jitwettaq il-programm ta' ħidma multiannwali tal-JRC f'konformità mal-istandards tas-sikurezza u s-sigurtà tal-UE kif ukoll mal-oġġettivi ambjentali tal-EU/20/20/20. Il-JRC stabbilixxa il-“Pjan tal-Iżvilupp tal-Infrastruttura 2014 – 2020” tiegħu; fejn identifika l-ħtiġijiet tal-investiment sal-2020 għas-siti kollha tal-JRC li huma riflessi fl-intestatura l-ġdida proposta tal-baġit.

Il-JRC huwa DĠ tal-Kummissjoni mifruq fuq ħames pajjiżi differenti b'7 Istituti Xjentifiċi li jinsabu f'ħames Stati Membri tal-UE: Ispra (l-Italja), Geel (il-Belġju), Petten (il-Pajjiżi l-Baxxi), Karlsruhe (il-Ġermanja) u Seville (Spanja). Il-faċilitajiet tar-riċerka tal-JRC jinkludu installazzjonijiet nukleari u firxa wiesgħa ta' laboratorji speċjalizzati ħafna uniċi li jridu jkunu konformi mar-regolamenti nukleari, ambjentali u tas-sikurezza ta' kull pajjiż ospitanti. Is-servizzi tekniċi speċjalizzati meħtieġa għaż-żamma u l-operat ta' dawn il-faċilitajiet huma pprovduti mill-persunal tal-JRC (inkluż sikurezza u sigurtà, it-tim tat-tifi tan-nar, eċċ.) u ma għandhomx ekwivalenti f'servizzi oħrajn tal-Kummissjoni.

L-intestatura tal-baġit 10.01.05.01 tintuża biex tiffinanzja l-uffiċjali li jokkupaw post fit-tabella tal-persunal tal-JRC, filwaqt li l-intestatura 10.01.05.02 tkopri l-persunal estern taħt kuntratt temporanju (Aġenti Kuntrattwali, Esperti Nazzjonali Sekondati, Persuni li għandhom l-Għojta (Grantholders), Apprentisti, eċċ.) sabiex il-JRC ikun jista' jibqa fuq quddiem fir-riċerka u jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi relatati mal-missjoni tiegħu bħala servizz ta' appoġġ xjentifiku dirett għall-Kummissjoni.

Dawn il-krediti tal-persunal huwa prinċipalment devoti biex jiffinanzjaw ix-xjenzati u l-persuni tekniċi fl-azzjonijiet xjentifiċi li jimplimentaw il-programm ta' ħidma tal-JRC. Il-komponent sempliċiment “amministrattiv” ta' dawn l-intestaturi huwa relattivament baxx (inqas minn 20 %), kif jikkonferma d-DĠ HR matul l-eżerċizzju ta' "skrining" annwali tiegħu.

L-intestatura tal-baġit 10.01.05.03 tirreferi għall-appoġġ xjentifiku u tekniku tal-infrastruttura nukleari u mhux nukleari. Parti kbira tal-krediti taħt din l-intestatura hija devota għal (1) l-iżgurar tal-operat normali tal-istituti tal-JRC (jiġifieri ż-żamma, tagħmir tekniku, provvista tal-ilma/gass/elettriku, sikurezza/sigurtà, radjuprotezzjoni, IT, telekomunikazzjoni, ipproċessar tad-dejta, eċċ.) u (2) operazzjonijiet mhux rikorrenti (xogħolijiet ta' restawr, modernizzazzjoni tal-faċilitajiet eżistenti, konformità ma' standards ġodda, eċċ.).

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa – *Riċerka Indiretta* *fi prezzijiet kurrenti – EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)*

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	1		Tkabbir Intelliġenti u Inklusiv						
Riċerka Indiretta			Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL
• Approprijazzjonijiet operattivi			2014	2015	2016	2017	2018	> 2018	
Numru tal-intestatura tal-baġit: 08 03 02 total	Impenji	(1)	159.641	171.785	184.350	197.350	210.794		923.920
	Pagamenti	(2)	100.131	125.934	152.733	162.535	196.821	185.766	923.920
Numru tal-intestatura tal-baġit: 08 03 02 01	Impenji	(1)	108.073	116.201	124.612	133.312	142.309		624.507
	Pagamenti	(2)	80.065	94.967	104.867	107.771	128.659	108.178	624.507
Numru tal-intestatura tal-baġit: 08 03 02 02	Impenji	(1)	51.568	55.584	59.739	64.038	68.485		299.414
	Pagamenti	(2)	20.066	30.967	47.867	54.764	68.162	77.589	299.415
Approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-Programm Euratom ³⁷									
08 01 05 01 Nefqa relatata mal-Persunal tar-Riċerka			17.780	18.136	18.498	18.868	19.246		92.529
08 01 05 02 Persunal estern għar-Riċerka			2.240	2.285	2.330	2.377	2.425		11.657
08 01 05 03 Nefqa amministrattiva oħra tar-Riċerka			7.007	7.147	7.290	7.436	7.585		36.465
Numru tal-intestatura tal-baġit: 08 01 05		(3)	27.027	27.568	28.119	28.681	29.255		140.650
TOTAL tal-approprijazzjonijiet għad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni	Impenji	=1+1a +3	186.668	199.353	212.469	226.031	240.049		1064.570
	Pagamenti	=2+2a+3	127.158	153.502	180.852	191.216	226.076	185.766	1064.570
• TOTAL tal-approprijazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)	159.641	171.785	184.350	197.350	210.794		923.920

³⁷ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa f'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (intestaturi "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

	Pagamenti	(5)	100.131	125.934	152.733	162.350	196.821	185.766	923.920
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-Programm Euratom		(6)	27.027	27.568	28.119	28.681	29.255	0	140.650
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt INTESTATURA 1 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	=4+ 6	186.668	199.353	212.469	226.031	240.049		1064.570
	Pagamenti	=5+ 6	127.158	153.502	180.852	191.216	226.076	185.766	1064.570

Jekk iktar minn intestatura waħda tiġi effettwata mill-proposta / inizjattiva:

Mhux

applikabbli

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	5	Nefqa amministrattiva
--	----------	-----------------------

fi prezzijiet kurrenti – EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

		Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	TOTAL
DĠ: Riċerka / Riċerka Diretta							
• Riżorsi Umani							0
• Nefqa oħra amministrattiva							0
TOTAL DĠ <.....>	Approprjazzjonijiet						0

TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	(Total ta' impenji = Total tal-pagamenti)						0
--	---	--	--	--	--	--	----------

fi prezzijiet kurrenti – EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

		2014	2015	2016	2017	2018	> 2018	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	186.668	199.353	212.469	226.031	240.049		1064.570
	Pagamenti	127.158	153.502	180.852	191.216	226.076	185.766	1064.570

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa – **Riċerka Diretta**

fi prezzijiet kurrenti – EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:			1		Tkabbir Intelliġenti u Inklusiv					
DĠ JRC			Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL	
Riċerka Diretta			2014	2015	2016	2017	2018	≥ 2019		
• Approprijazzjonijiet operattivi										
Numru tal-intestatura tal-baġit: 10.03	Impenji	(1a)	10.457	10.666	10.879	11.097	11.319	0	54.417	
	Pagamenti	(2a)	4.706	8.982	10.208	10.935	11.153	8.434	54.417	
Numru tal-intestatura tal-baġit: 10.03.01	Impenji	(1a)	10.457	10.666	10879	11.097	11.319	0	54.417	
	Pagamenti	(2a)	4.706	8.982	10.208	10.935	11.153	8.434	54.417	
Approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-Programm Euratom ³⁸										
10 01 05			126.796	130.284	133.874	137.571	141.377		669.901	
10 01 05 01			61.598	63.754	65.986	68.295	70.686		330.319	
10 01 05 02			11.205	11.457	11.715	11.979	12.248		58.604	
10 01 05 03			38.706	39.481	40.270	41.076	41.897		201.430	
10 01 05 04			15.286	15.592	15.903	16.222	16.546		79.549	
TOTAL tal-approprijazzjonijiet għal DĠ JRC / Riċerka Diretta	Impenji	=1+1a +3	137.253	140.950	144.753	148.668	152.695		724.319	
	Pagamenti	=2+2a+3	131.501	139.266	144.082	148.506	152.530	8.434	724.319	

• TOTAL tal-approprijazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)	10.457	10.666	10.879	11.097	11.319	0	54.417
	Pagamenti	(5)	4.706	8.982	10.208	10.935	11.153	8.434	54.417
• TOTAL tal-approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-Programm Euratom		(6)	126.796	130.284	133.874	137.571	141.377	0	669.901

³⁸

Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa f'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (intestaturi "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt INTESTATURA 1 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	=4+ 6	137.253	140.950	144.753	148.668	152.695	0	724.319
	Pagamenti	=5+ 6	131.501	139.266	144.082	148.506	152.530	8.434	724.319

Jekk iktar minn intestatura waħda tiġi effettwata mill-proposta / inizjattiva:

Mhux applikabbli

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	5	Nefqa amministrattiva
--	----------	-----------------------

fi prezzijiet kurrenti – EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

		Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	TOTAL
DĠ: Riċerka / Riċerka Diretta							
• Riżorsi Umani							
• Nefqa oħra amministrattiva							
TOTAL DĠ <.....>	Approprjazzjonijiet						

TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	(Total ta' impenji = Total tal-pagamenti)						
---	--	--	--	--	--	--	--

fi prezzijiet kurrenti – EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

		Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	> 2018	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt INTESTATURI 1 sa 5	Impenji	137.253	140.950	144.753	148.668	152.695	0	724.319
	Pagamenti	131.501	139.266	144.082	148.506	152.530	8.434	724.319

tal-qafas finanzjarju multiannwali								
------------------------------------	--	--	--	--	--	--	--	--

Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa **Riċerka Indiretta + Riċerka Diretta**

fi prezzijiet kurrenti – EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:			1	Tkabbir Intelliġenti u Inklusiv					
Sommarju Riċerka Indiretta / Riċerka Diretta				Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL
• Appropriazzjonijiet operattivi				2014	2015	2016	2017	2018	> 2018
Numru tal-intestatura tal-baġit: 08 03 02	Impenji	(1)	159.641	171.785	184.350	197.350	210.794		923.920
	Pagamenti	(2)	100.131	125.934	152.733	162.535	196.821	185.766	923.920
Numru tal-intestatura tal-baġit: 10.03	Impenji	(1a)	10.457	10.666	10.879	11.097	11.319	0	54.417
	Pagamenti	(2a)	4.706	8.982	10.208	10.935	11.153	8.434	54.417
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-Programm Euratom ³⁹			27.027	27.568	28.119	28.681	29.255	0	140.650
08 01 05								0	
10 01 05			137.252	140.950	144.753	148.669	152.696	0	724.320
Numru tal-intestatura tal-baġit: 08 01 05 / 10 01 05			(3)	153.822	157.852	161.992	166.253	170.632	810.551
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni / Riċerka Diretta			Impenji	=1+1a +3	323.920	340.303	357.221	374.700	392.745
			Pagamenti	=2+2a+3	258.659	292.768	324.933	339.723	378.606
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operattivi			Impenji	(4)	170.098	182.451	195.229	208.447	222.113
									978.338

³⁹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa f'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (intestaturi "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

	Pagamenti	(5)	104.837	134.916	162.941	173.470	207.974	194.200	978.338
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programmi tal-Programm Euratom		(6)	153.822	157.852	161.992	166.253	170.632		810.551
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt INTESTATURA 1a tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	=4+ 6	323.920	340.303	357.221	374.700	392.745		1788.889
	Pagamenti	=5+ 6	258.659	292.768	324.933	339.723	378.606	194.200	1788.889

Jekk iktar minn intestatura waħda tiġi effettwata mill-proposta / inizjattiva:

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)							
	Pagamenti	(5)							
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-Programm Euratom		(6)							
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju multiannwali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6							
	Pagamenti	=5+ 6							

3.2.2. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operattivi

- ☐ Il-proposta / inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi
- ☒ Il-proposta / inizjattiva tirrikejdi l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

Indika l-obiettivi u l-outputs ↓			Sena 2014		Sena 2015		Sena 2016		Sena 2017		Sena 2018		TOTAL			
	OUTPUTS															
	Tip ta' output 40	Spiża medja tal-output	Għadd ta' outputs	Spiża	Għadd ta' outputs	Spiża	Għadd ta' outputs	Spiża	Għadd ta' outputs	Spiża	Għadd ta' outputs	Spiża	Total tal-għadd ta' outputs	SPIŻA TOTALI		
OBJETTIVI SPEĊIFIĊI Nru 1-8 għal azzjonijiet indiretti ⁴¹																
- Output – Fużjoni tal-EURATOM			**	**	100	108.073	100	116.201	100	124.612	100	133.312	100	142.309	500	624.507
- Output – Fissjoni tal-EURATOM					25	51.568	25	55.584	25	59.739	25	64.038	25	68.485	125	299.414
Subtotal għal objettiv speċifiku Nru 1-8 għal azzjonijiet indiretti																
OBJETTIVI SPEĊIFIĊI Nru 1-5 għal azzjonijiet diretti ⁴²																

⁴⁰ Outputs huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

⁴¹ Kif deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Objettivi speċifiċi għal azzjonijiet indiretti"

⁴² Kif deskritt fit-Taqsima 1.4.2 "Objettivi speċifiċi għal azzjonijiet diretti"

- Output – Riċerka Diretta tal-EURATOM - JRC	***	***	150	10.457	150	10.666	150	10.879	150	11.097	150	11.319	750	54.417
Subtotal għal objettiv speċifiku Nru 1-5 għal azzjonijiet diretti			150	10.457	150	10.666	150	10.879	150	11.097	150	11.319	750	54.417
SPIŻA TOTALI			275	170.098	275	182.451	275	195.229	275	208.447	275	222.113	1,375	978.338

(*) stima tal-ġhadd ta' outputs

(**) l-output normali tal-ġhotja tar-riċerka huwa rapport li jiddeskrivi l-fatti, is-sejbiet u r-risultati.

(***) Tip ta' output: Prodotti u servizzi għal persuni li jfasslu l-politika tal-UE.

Spiża medja tal-output: L-ispiża ta' kull output hija varjabbli ħafna. Pereżempju, riżultat ta' rutina (bulletin dwar it-tbassir ta' wiċċ tar-raba' perjodiku) mhuwiex komparabbli ma' rapport finali ta' studju kbir u possibbilment jiswa ħafna flus li għalih ammont konsiderevoli ta' krediti seta' wassal għal document uniku ta' studju. It-tnejn huma rilevanti u utli iżda jservu skopijiet differenti ħafna. L-ispiża mejda indikata hija biss kalkolu matematiku li jaqasma il-baġit fuq ġhadd stmat ta' outputs.

3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- ☐ Il-proposta / inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi
- ☒ Il-proposta / inizjattiva tirrikejdi l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018	TOTAL
--	-----------	-----------	-----------	-----------	-----------	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali						
Riżorsi Umani						
Nefqa oħra amministrattiva						
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali						

	Sena 2014		Sena 2015		Sena 2016		Sena 2017		Sena 2018	
Barra mill-INTESTATURA 5⁴³ tal-qafas finanzjarju multiannwali	Riċerk a Indirett ta	Riċerk a Dirett a	Riċerk a Indirett ta	Riċerk a Dirett a	Riċerk a Indirett ta	Riċerk a Dirett a	Riċerk a Indirett ta	Riċerk a Dirett a	Riċerk a Indirett ta	Riċerk a Dirett a
Riżorsi Umani	20.020	72.803	20.421	75.211	20.828	77.701	21.245	80.274	21.671	82.934
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	7.007	53.992	7.147	55.072	7.290	56.174	7.436	57.297	7.585	58.443
Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	27.027	126.796	27.568	130.284	28.118	133.874	28.681	137.571	29.256	141.377
TOTAL*	27.027	126.796	27.568	130.284	28.118	133.874	28.681	137.571	29.256	141.377

*** Dawn iċ-ċifri jistgħu jiġu aġġustati b'riżultat tal-proċedura ta' esternalizzazzjoni mbassra.**

⁴³

Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa f'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (intestaturi "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta / inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprijazzjonijiet ta' riżorsi umani
- ☒ Il-proposta / inizjattiva tirrikejdi l-użu ta' approprijazzjonijiet ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima trid tkun espressa f'ammonti sħaħ (jew l-iktar sa post deċimali wieħed)

	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	Sena 2018
• Postijiet tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)					
X 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċji tar-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni)					
xx 01 01 02 (Delegazzjonijiet)					
08 01 05 01 (Riċerka indiretta)*	140	140	140	140	140
10 01 05 01 (Riċerka diretta)	566	566	566	566	566
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE) ⁴⁴					
XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali")					
XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)					
08 01 04 40⁴⁵	- fil-Kwartieri ġenerali⁴⁶				
	- fid-delegazzjonijiet - uffiċjali u aġenti temporanji - CA GFI-IV - SNE				
08 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka indiretta)*	35	35	35	35	35
10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta)	194	194	194	194	194
Intestaturi tal-baġit oħrajn (speċifika)					
TOTAL	935	935	935	935	935

XX huwa l-qasam tal-politika jew l-intestatura tal-baġit konċernat/a.

* minn dawn it-totali tneħħew l-uffiċjali, l-aġenti temporanji kif ukoll il-persunal estern li jamministra l-proġett ITER fil-Kwartieri Ġenerali (Brussell). Dawn il-membri tal-persunal issemmew fil-Programm Supplimentari tar-Riċerka għal—proġett ITER LFS.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu sodisfatti b'persunal mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew skjerati mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk hemm bżonn, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li qed jamministra taħt il-proċedura tal-allokkazzjoni annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

⁴⁴ CA – Aġent Kuntrattwali; INT – persunal ta' aġenzija ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażaġħ fid-Delegazzjonijiet); LA – Aġent Lokali; SNE = Espert Nazzjonali Sekondar;

⁴⁵ Taħt il-limitu tal-persunal estern mill-approprijazzjonijiet operattivi (intestaturi "BA" preċedenti).

⁴⁶ Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew tas-Sajd (FES).

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Kompiti derivati mill-implimentazzjoni tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ Euratom (azzjonijiet diretti u indiretti), b'mod partikolari relatati mal-ġestjoni tal-iskart nukleari, is-sikurezza nukleari u s-salvagwardji nukleari u s-sigurtà. Se jwettqu wkoll attivitajiet meħtieġa għad-dekommissjonar ta' faċilitajiet Nukleari tal-JRC Euratom
Persunal estern	

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

- ☒ Proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali kurrenti
- ☐ Proposta/inizjattiva se tinvolvi programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.
- ☐ Proposta/inizjattiva tirrikejdi applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali⁴⁷.

Mhux applikabbli

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' parti terza*

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☒ Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet f'EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

	Sena 2014 - 2018
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament	Pajjiżi terzi assoċjati mal-programm
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati*	Pm il-kontribuzzjoni tal-parti terza tiżdied aktar tard

* il-kontribuzzjonijiet tal-parti terza għadhom ma ġewx iffissati; se jiżdiedu aktar tard

⁴⁷

Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☐ Proposta/inizjattiva ma għandix finanzjarju fuq id-dħul.
- X Proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - X fuq dħul mixxellan

EUR miljun (sa 3 postijiet deċimali)

Intestatura tal-baġit tad-dħul:	Appropriazzjonijiet disponibbli għall-eżerċizzju tal-baġit li għaddej	Impatt tal-proposta/inizjattiva ⁴⁸
		2014 sa 2018
Partita 6011*		pm
Partita 6012*		pm
Partita 6013		pm
Partita 6031**		pm

* Il-ftehimiet dwar il-kontribuzzjoni Svizzera kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-Fond Konġunt tal-JET għadhom ma ġewx finalizzati. Għaddejjin diskussjonijiet mat-Turkija relatati mal-kooperazzjoni fir-Riċerka Nukleari.

Għal dħul assenjat mixxellan, speċifika l-intestaturi tan-nefqa tal-baġit effettwati.

08 04 01 Appropriazzjonijiet akkumulati minn kontribuzzjonijiet minn (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) partijiet terzi għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni.

08 04 01 Appropriazzjonijiet akkumulati minn kontribuzzjonijiet minn (mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) partijiet terzi għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

Ċerti stati assoċjati jistgħu jikkontribwixxu għal finanzjament supplimentari tal-programm qafas permezz ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni. Il-metodu tal-kalkolu se jiġi maqbul f'dawn il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u mhux se jkun neċessarjament l-istess metodu fil-ftehimiet kollha. Il-maġġoranza tal-kalkoli huma bbażati fuq il-PDG tal-Istat Assoċjat mqabbel mat-total tal-PDG tal-Istati Membri filwaqt li japplika dan il-perċentwal mal-baġit ġenerali.

⁴⁸

Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazju doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25 % għall-spejjeż tal-ġabra.